SENTENZA TAL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA (Is-Sitt Awla)

9 ta' Settembru 2009 *

Fil-Kawża T-437/05,

Brink's Security Luxembourg SA, stabbilita fil-Lussemburgu (il-Lussemburgu), irrappreżentata minn C. Point u G. Dauphin, avukati,

rikorrenti

vs

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, irrappreżentata minn E. Manhaeve, M. Šimerdová u K. Mojzesowicz, bħala aġenti, assistiti minn J. Stuyck, avukat,

konvenuta

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

sostnuta minn

G4S Security Services SA, preċedentement Group 4 Falck — Société de surveillance et de sécurité SA, stabbilita fil-Lussemburgu, irrappreżentata minn M. Molitor, p. Lopes Da Silva, N. Cambonie u N. Bogelmann, avukati,

intervenjenti

li għandha bħala suġġett, minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 2005 li tiċħad l-offerta magħmula mir-rikorrenti fil-kuntest tal-proċedura ta' sejħa għal offerti 16/2005/OIL (sigurtà u sorveljanza tal-bini), tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 2005 li l-kuntratt jingħata lil offerent ieħor, ta' allegata deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni li tiċħad li tirtira ż-żewġ deċiżjonijiet tagħha msemmija iktar 'il fuq, kif ukoll taż-żewġ ittri tal-Kummissjoni, tas-7 u tal-14 ta' Diċembru 2005, li jirrispondu lit-talbiet għal informazzjoni tar-rikorrenti u, min-naħa l-oħra, rikors għad-danni intiż li jinkiseb kumpens għad-danni allegatament subiti mir-rikorrenti,

IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA
TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ (Is-Sitt Awla),

komposta minn A. W. H. Meij, President, V. Vadapalas u L. Truchot (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: K. Pocheć, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-20 ta' Novembru 2008,

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-kuntest ġuridiku

A — *Leġiżlazzjoni applikabbli għall-kuntratti pubbliċi tal-Komunitajiet Ewropej*

1 L-Artikolu 100(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1 Vol. 4, p. 74, iktar 'il quddiem ir-"regolament finanzjarju"), jipprovdi dan li ġej:

"L-awtorità tal-kuntratti għandha tinnotifika lill-kandidati jew lill-appaltaturi kollha li l-applikazzjonijiet jew l-offerti tagħhom huma miċħuda bil-bażi li fuqhom tkun ittieħdet id-deċiżjoni u lill-appaltaturi kollha li l-offerti tagħhom huma ammissibbli u li jagħmlu talba bil-miktub, bill-karatteristiċi u l-vantaġġi relattivi ta' l-appaltatur b'suċċess u l-isem ta' l-appaltatur li lilu jingħata il-kuntratt.

B'dana kollu, ċerti dettalji ma jkunx hemm ħtieġa li jkunu żvelati meta l-iżvelar tagħhom ikun ifixkel l-applikazzjoni tal-liġi, ikun kuntrarju ta' l-interess pubbliku jew ikunu ta' ħsara għall-interessi leġittimi tan-negozju ta' l-impriżi pubbliċi jew privati jew jista' jgħawweġ il-kompetizzjoni ġusta bejn dawk l-impriżi."

2 L-Artikolu 149(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolamenti Finanzjaru li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 145), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 1261/2005 tal-20 ta' Lulju 2005 (ĠU L 287M, 18.10.2006, p. 226, iktar 'il quddiem ir-"regoli ddettaljati għall-implementazzjoni"), jipprovdi:

"L-awtoritajiet kontraenti għandhom jgħarrfu mill-aktar fis lill-kandidati u min jifta' l-offerti bid-deċiżjonijiet meħuda dwar l-għotja tal-kuntratt jew kuntratt ta' qafas jew id-dħul f'sistema ta' akkwist dinamiku, inklużi l-għanjiet għala ddeċidew li ma jagħtux kuntratt jew kuntratt ta' qafas jew li jimplimentaw sistema ta' akkwist dinamiku li għalih kien hemm sejħa għall-offerti jew li tinbeda mill-ġdid il-proċedura."

3 L-Artikolu 149(3) tar-regoli ddettaljati għall-implementazzjoni, jipprovdi:

"Għall-kuntratti li ngħataw mill-istituzzjonijiet komunitarji f'isimhom stess, skond l-Artikolu 105 tar-Regolament Finanzjarju, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jinnotifikaw l-aktar kmieni possibbli wara d-deċiżjoni ta' għoti u l-aktar tard matul il-ġimgħa ta' wara, b'mod simultanju u individwali lil kull min telfa' offerta jew lil kull kandidat eliminat, permezz ta' ittra u fax jew posta elettronika, li l-offerta jew il-kandidatura tagħhom ma ġietx aċċettata u billi jiġi ppreċiżat f'kull każ ir-raġunijiet għal din l-eliminazzjoni ta' l-offerta jew tal-kandidatura.

L- awtoritajiet kontraenti fl-istess ħin għandhom jinnotifikaw in-notifiki ta' l-eliminazzjoni indirizzati lillkandidati jew lil dawk li tefgħu l-offerti eliminati, id-deċiżjoni dwar l-għotja lil dak li ntgħażel billi jiġi ppreċiżati d-deċiżjoni nnotifikata ma tikkostitwixxix impenn min-naħa ta' l-awtorità kontraenti kkonċernata:

Dawk li tefgħu l-offerti jew il-kandidati eliminati jistgħu jakkwistaw informazzjoni kumplimentari dwar irragunijiet għall-eliminazzjoni tagħhom, permezz ta' talba bil-miktub, permezz ta' ittra, fax jew posta elettronika u għal dawk kollha li tefgħu offerta aċċettabbli, fuq il-karatteristiċi u l-vantaġġi ta' l-offerta li ntgħażlet kif ukoll l-isem ta' min ta din l-offerta, bla preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 100(2), it-tieni inċiż, tar-Regolament Finanzjarju. L-awtoritajiet kontraenti għandhom jirrispondu f'tul ta' żmien ta' ħmistax-il ġurnata li għandhom jibdew jgħoddu mid-data ta' l-ilqugħ tat-talba.

L-awtoritajiet kontraenti ma jistgħux jipproċedu għall-firma tal-kuntratt ma' dak li ngħata l-kuntratt jew tal-kuntratt ta' qafas ħlief skond perijodu ta' ġimgħatejn kalendarji, li għandhom jibdeq jgħoddu mill-ġurnata ta' wara d-data ta' notifika simultanja tad-deċiżjonijiet ta' l-eliminazzjoni ta' l-attribuzzjoni. Jekk ikun il-każ, dawn jistgħu jissospendu l-firma tal-kuntratt biex isir eżami kumplimentari dwar jekk it-talbiet jew il-kummenti magħmula minn dawk li tefgħu offerta jew minn kandidati eliminati matul il-perijodu ta' ġimgħatejn kalendarji, skond in-notifika tad-deċiżjonijiet ta' eliminazzjoni jew ta' attribuzzjoni, jew kull informazzjoni oħra pertinenti milqugħa matul dan il-perijodu jiġġustifkaw dan. F'dan il-każ, il-kandidati kollha jew dawk kollha li tefgħu offerta huma informati fi żmien tliet ijiem ta' xogħol wara d-deċiżjoni tas-sospensjoni."

B — *Leġiżlazzjoni dwar id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet*

4 Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331):

"1. L-istituzzjonijiet għandhom jirrifjutaw aċċess għal dokument meta l-iżvelar tiegħu jista' jdgħajjef il-ħarsien ta':

[…]

b) il-privatezza u l-integrità ta' l-individwu, b'mod partikolari skond il-legislazzjoni Komunitarja dwar il-ħarsien ta' data personali.

[…]

6. Jekk partijiet biss tad-dokument mitlub huma koperti minn xi eċċezzjoni, il-biċċiet l-oħra tad-dokument għandhom jiġu żvelati.

[…]"

5 L-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1049/2001 jipprovdi:

"1. Applikazzjonijiet għall-aċċess għal dokument għandhom isiru f'xi forma miktuba, inkluża l-forma elettronika, f'waħda mill-ilsna msemmija fl-Artikolu 314 [KE] u b'mod preċiż biżżejjed sabiex tgħin lill-istituzzjoni issib id-dokument. L-applikant mhux obbligat li jagħti r-raġunijiet għall-applikazzjoni.

2. Jekk applikazzjoni mhijiex preċiża biżżejjed, l-istituzzjoni għandha titlob lill-applikant sabiex jiċċara l-applikazzjoni u għandha tgħin l-applikant f'dan il-proċess billi, per eżempju, tagħti tagħrif dwar l-użu tar-reġistri pubbliċi ta' dokumenti.

3. Fil-każ ta' applikazzjoni dwar dokument twil ħafna jew dwar numru kbir ta' dokumenti, l-istituzzjoni involuta tista' tkellem lill-applikant b'mod informali, sabiex isibu soluzzjoni imparzjali [ekwa].

4. L-istituzzjoni għandha tagħti tagħrif u għajnuna lil ċittadini dwar kif u fejn l-applikazzjonijiet għal aċċess għad-dokumenti jistgħu jsiru."

6 L-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1049/2001, li jistabbilixxi l-metodi ta' pproċessar tal-applikazzjoni inizjali, jipprovdi kif ġej:

"1. Applikazzjoni għall-aċċess għal dokument għandha tiġi proċessata mill-ewwel. Rikonoxximent ta' l-irċevuta għandha tintbagħat lill-applikant. Sa' 15-il jum utli mir-reġistrazzjoni ta' l-applikazzjoni, l-istituzzjoni għandha jew tagħti aċċess għad-dokument mitlub u tagħti aċċess skond l-Artikolu 10 f'dak il-perjodu jew, f'tweġiba bil-miktub, tagħti r-raġunijiet għar-rifjut totali jew parzjali u tavża l-applikant dwar id-dritt tiegħu jew tagħha li jagħmel jew tagħmel applikazzjoni konfermatorja skond il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Fil-każ ta' rifjut totali jew parzjali, l-applikant jista', sa 15-il jum utli minn meta jirċievi r-risposta mill-istituzzjoni, jagħmel applikazzjoni konfermatorja fejn jitlob lill-istituzzjoni li terġa' tikkunsidra l-pożizzjoni tagħha.

3. F'każijiet eċċezzjonali, per eżempju fil-każ ta' applikazzjoni dwar dokument twil ħafna jew dwar numru kbir ta' dokumenti, it-terminu previst fil-paragrafu 1 jista' jiġi estiż bi 15-il jum utli, sakemm l-applikant jiġi avżat minn qabel u jingħataw raġunijiet dettaljati.

4. Nuqqas mill-istituzzjoni li tagħti twieġeb [tweġiba] fit-terminu preskritt jagħti d-dritt lill-applikant li jagħmel applikazzjoni konfermatorja."

7 L-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 1049/2001, dwar l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet konfermatorji, jipprovdi:

"1. Applikazzjoni konfermatorja għandha tiġi proċessata mal-ewwel. Sa żmien 15-il jum utli mir-reġistrazzjoni ta' din l-applikazzjoni, l-istituzzjoni għandha jew tagħti l-aċċess għad-dokument mitlub u tagħti aċċess skond l-Artikolu 10 f'dak il-perjodu jew, fi tweġiba bil-miktub, tagħti r-raġunijiet għar-rifjut totali jew parzjali. Fil-każ ta' rifjut totali jew parzjali, l-istituzzjoni għandha tavża l-applikant dwar ir-rimedji tiegħu jew tagħha, jiġifieri proċeduri fil-qrati kontra l-istituzzjoni u/jew ilment lill-Ombudsman, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 230 u 195 [KE], rispettivament.

2. F'każijiet eċċezzjonali, per eżempju fil-każ ta' applikazzjoni dwar dokument twil ħafna jew dwar numru kbir ta' dokumenti, it-terminu previst fil-paragrafu 1 jista' jiġi estiż bi 15 il-jum utli, sakemm l-applikant jiġi avżat minn qabel u jingħataw raġunijiet dettaljati.

3. Nuqqas mill-istituzzjoni li twieġed fit-terminu stipulat għandu jitqies bħala tweġiba negattiva u jagħti d-dritt lill-applikant li jiftaħ proċedimenti fil-qrati kontra l-istituzzjoni u/jew tagħmel ilment lill-Ombudsman, taħt id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat tal-KE."

C — *Leġiżlazzjoni applikabbli għas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi*

8 Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE, tat-12 ta' Marzu 2001, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 98), tikkodifika d-Direttiva tal-Kunsill 77/187/KEE, tal-14 ta' Frar 1977, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (ĠU L 61, p. 26), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 98/50/KE, tad-29 ta' Ġunju 1998, (ĠU L 201, p. 88).

9 Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/23 huwa stabbilit fl-Artikolu 1 tagħha, li jipprovdi:

"1. a) Din id-Direttiva għandha tapplika għal kull trasferiment ta' impriża, negozju jew parti minn impriża jew negozju lil persuna oħra li timpjega bħala riżultat ta' trasferiment jew inkorporazzjoni legali.

b) Bla ħsara għas-subparagrafu (a) u għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-Artikolu, ikun hemm trasferiment fis-sens ta' din id-Direttiva meta jkun hemm trasferiment ta' xi entità ekonomika li żżomm l-identità tagħha, jiġifieri għaqda organizzata ta' riżorsi bl-objettiv li twettaq attività ekonomika, kemm jekk l-attività hija ċentrali jew anċillari kemm jekk le.

[…]"

10 L-Artikolu 1(1)(a) u (b) tal-Liġi Lussemburgiża tad-19 ta' Diċembru 2003 li tirregola s-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji u t-traspożizzjoni tad-Direttiva 2001/23 (Mém. A 2003, p. 3678, iktar 'il quddiem il-"Liġi tad-19 ta' Diċembru 2003"), jipprovdi:

"a) Din il-liġi tapplika għal kull trasferiment ta' impriża, negozju jew parti minn impriża jew negozju li b'mod partikolari jkun jirriżulta minn trasferiment, minn inkorporazzjoni legali, minn suċċessjoni, minn qsim, minn trasformazzjoni ta' assi, jew minn bidla f'kumpannija.

b) Jitqies li huwa trasferiment fis-sens ta' din il-liġi dak it-trasferiment ta' entità ekonomika li żżomm l-identità tagħha u li tikkostitwixxi għaqda organizzata ta' riżorsi, b'mod partikolari ta' persunal u materjal, li jippermettu t-twettiq ta' attività ekonomika ċentrali jew anċillari."

11 Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3(1) tal-liġi msemmija:

"Id-drittijiet u l-obbliġi taċ-ċedent li jirriżultaw minn kuntratt ta' impjieg jew minn relazzjoni ta' impjieg eżistenti fid-data tat-trasferiment għandhom, minħabba dan it-trasferiment, jiġu ttrasferiti lill-persuna li jsir it-trasferiment favuriha."

Il-fatti li wasslu għall-kawża

12 Brink's Security Luxembourg SA (iktar 'il quddiem "Brink's" jew ir-"rikorrenti"), kumpannija stabbilita fil-Lussemburgu (il-Lussemburgu), kienet inkarigata bis-sorveljanza u l-għassa tal-bini tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej sa minn nofs is-snin 70.

13 Fl-2000, ir-rikorrenti kkonkludiet mal-Kummissjoni kuntratt ta' sorveljanza u ta' għassa tal-bini tagħha li jinsab fil-Lussemburgu u li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fil-Lussemburgu (OIL), tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea. Dan il-kuntratt, li ma kienx jipprovdi għal tiġdid lil hinn mill-ħames sena, skada fil-31 ta' Diċembru 2005.

14 Permezz ta' avviż ta' tagħrif minn qabel ippubblikat fis-Suppliment tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tad-19 ta' Marzu 2005 (ĠU S 56), il-Kummissjoni ħabbret li d-data prevista għat-tnedija ta' proċedura għall-għoti ta' kuntratt dwar kuntratt ta' sigurtà u ta' sorveljanza tal-bini msemmi fil-punt 13 iktar 'il fuq kienet il-15 ta' Mejju 2005.

15 Permezz ta' avviż ta' sejħa għal offerti ppubblikat fis-Suppliment tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tal-1 ta' Settembru 2005 (ĠU S 168), il-Kummissjoni ppubblikat is-sejħa għal offerti 16/2005/OIL għall-kuntratt ta' sigurtà u ta' sorveljanza kkontestat (iktar 'il quddiem is-"sejħa għal offerti").

16 Id-data sakemm kellhom jitressqu l-offerti ġiet iffissata għat-13 ta' Ottubru 2005. Il-ftuħ tal-offerti seħħ fit-18 ta' Ottubru 2005 u l-evalwazzjoni tagħhom seħħet fil-11 ta' Novembru 2005.

17 Fit-30 ta' Novembru 2005, il-Kummissjoni informat lir-rikorrenti li l-kuntratt ma kienx ġie attribwit lilha, peress li l-offerta tagħha ma kinitx kisbet l-aħjar marka finali matul l-evalwazzjoni kwalitattiva u finanzjarja tal-offerti. Fl-istess ittra (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' ċaħda"), il-Kummissjoni informat lir-rikorrenti li hija kellha d-dritt li tikseb informazzjoni addizzjonali dwar il-motivi għaċ-ċaħda tal-offerta tagħha.

18 Permezz ta' ittra tal-1 ta' Diċembru 2005, ir-rikorrenti talbet lill-Kummissjoni tikkomunikalha l-motivi għaċ-ċaħda tal-offerta tagħha, il-karatteristiċi u l-vantaġġi relatati mal-offerta magħżula, kif ukoll l-isem tal-offerent li ngħata l-kuntratt.

19 Permezz ta' ittra tal-5 ta' Diċembru 2005, il-Kummissjoni informat lir-rikorrenti li l-offerent magħżul kienet Group 4 Falck — Société de surveillance et de sécurité SA, li saret G4S Security Services SA (iktar 'il quddiem "Group 4 Falck" jew l-"intervenjenti"), u kkomunikatilha xi elementi ta' paragun tal-evalwazzjoni tal-offerta tagħha fil-konfront tal-offerta ta' Group 4 Falck.

20 Permezz ta' tliet ittri tal-5 ta' Diċembru 2005, ir-rikorrenti talbet lill-Kummissjoni terġa teżamina d-deċiżjoni ta' għoti tagħha tat-30 ta' Novembru 2005 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni tal-għoti"), u tagħtiha l-kuntratt, filwaqt li indikatilha r-raġunijiet li, fl-opinjoni tagħha, kellhom iżommuha milli taċċetta l-offerta ta' Group 4 Falck.

21 Permezz ta' ittra tas-7 ta' Diċembru 2005, il-Kummissjoni rrispondiet għall-ittri tar-rikorrenti tal-5 ta' Diċembru 2005.

22 Permezz ta' ittra tat-8 ta' Diċembru 2005, ir-rikorrenti talbet lill-Kummissjoni l-kunjom, l-isem, il-grad, l-anzjanità fis-servizz u l-assenjazzjoni tal-membri tal-kumitat ta' evalwazzjoni tal-offerti kif ukoll motivazzjoni addizzjonali, peress li qieset li r-raġunijiet indikati mill-Kummissjoni ma kinux suffiċjenti.

23 Permezz ta' ittra tal-14 ta' Diċembru 2005, il-Kummissjoni, abbażi ta' raġunijiet ta' kunfidenzjalità, ta' protezzjoni tal-ħajja privata u ta' integrità tal-persuni, irrifjutat li tipprovdi l-informazzjoni mitluba mir-rikorrenti fir-rigward tal-membri tal-kumitat ta' evalwazzjoni tal-offerti. Madankollu, il-Kummissjoni pprovdiet lir-rikorrenti informazzjoni addizzjonali dwar ir-raġunijiet għaliex l-offerta tagħha ġiet miċħuda.

24 Permezz ta' ittra tal-14 ta' Diċembru 2005, Group 4 Falck informat lir-rikorrenti bl-intenzjoni tagħha li timpjega parti mill-persunal tagħha.

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

25 B'att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-15 ta' Diċembru 2005, ir-rikorrenti ppreżentat dan ir-rikors.

26 B'att separat, ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fl-istess jum, ir-rikorrenti ressqet talba għal proċeduri għal miżuri provviżorji u talba għal miżuri provviżorji abbażi tal-Artikolu 105(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza.

27 B'digriet tas-16 ta' Diċembru 2005, il-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza ordna li l-iffirmar tal-kuntratt inkwistjoni fil-kuntest tas-sejħa għal offerti jiġi sospiż sakemm jingħata digriet li jiddeċiedi dwar it-talba għal miżuri provviżorji.

28 Bħala konsegwenza tal-adozzjoni tad-digriet imsemmi fil-punt 27 iktar 'il fuq, il-kuntratt viġenti bejn Brink's u l-Kummissjoni ġġedded sal-31 ta' Jannar 2006, sabiex tiġi ggarantita l-kontinwità tas-sorveljanza u tal-għassa tal-bini inkwistjoni.

29 B'att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fit-22 ta' Diċembru 2005, Group 4 Falck talbet li tintervjeni f'din il-kawża insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni. Fl-4 ta' Jannar 2006, il-partijiet prinċipali ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar it-talba ta' intervent ta' Group 4 Falck.

30 B'att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fl-4 ta' Jannar 2006, ir-rikorrenti ressqet talba għal trattament kunfidenzjali tat-talba għal miżuri provviżorji fil-konfront ta' Group 4 Falck, liema talba ġiet milqugħa. Fil-5 ta' Jannar 2006, ir-rikorrenti ppreżentat verżjoni mhux kunfidenzjali tat-talba għal miżuri provviżorji fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza.

31 B'digriet tad-9 ta' Jannar 2006, Group 4 Falck ġiet ammessa tintervjeni f'din il-kawża.

32 Fil-11 ta' Jannar 2006, il-Kummissjoni ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha fuq it-talba għal miżuri provviżorji u, fuq talba tal-Qorti tal-Prim'Istanza abbażi tal-Artikolu 64(3) tar-Regoli tal-Proċedura, ippreżentat verżjoni mhux kunfidenzjali tad-dokumenti kkomunikati lill-Kummissjoni minn Group 4 Falck sabiex tikkonforma ruħha mal-punt 28 tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt inkwistjoni.

33 B'digriet tas-7 ta' Frar 2006, il-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħad it-talba għal miżuri provviżorji tar-rikorrenti minħabba li hija ma kinitx ipprovat li kien hemm riskju li hija tbati dannu gravi u irreparabbli fin-nuqqas tal-miżuri provviżorji mitluba (T-437/05 R, Ġabra p. II-21).

34 Fit-12 ta' Mejju 2006, ir-rikorrenti ressqet talba għal trattament kunfidenzjali ta' ċerti annessi fir-rikors. Group 4 Falck ma ppreżentatx osservazzjonijiet fuq din it-talba.

35 Fuq rapport tal-Imħallef Relatur, il-Qorti tal-Prim'Istanza (Is-Sitt Awla) iddeċidiet li tiftaħ il-proċedura orali u, fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 64 tar-Regoli tal-Proċedura, għamlet xi mistoqsijiet bil-miktub lill-partijiet u dawn wieġbuhom fiż-żmien mogħti.

36 It-trattazzjoni tal-partijiet u t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet magħmulin mill-Qorti tal-Prim'Istanza nstemgħu fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2008.

37 Matul is-seduta, Group 4 Falck talbet lill-Qorti tal-Prim'Istanza tkun tista' tipproduċi ittri li hija kienet ikkorrispondiet mas-Société nationale de certification et d'homologation (iktar 'il quddiem "SNCH"). Ir-rikorrenti u l-Kummissjoni ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fuq din it-talba għal produzzjoni ta' dokumenti.

38 Fil-kuntest ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Prim'Istanza jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni ta' ċaħda;

— tannulla d-deċiżjoni tal-għoti;

— tannulla l-allegata deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni li permezz tagħha hija ċaħdet li tirtira d-deċiżjoni ta' ċaħda u d-deċiżjoni tal-għoti;

— tannulla ż-żewġ ittri ta' risposta tal-Kummissjoni tas-7 u tal-14 ta' Diċembru 2005;

— tikkonċedi d-danni bħala kumpens għad-danni morali u materjali li hija allegatament sofriet;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

39 Ir-rikorrenti talbet ukoll li l-Qorti tal-Prim'Istanza, abbażi tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura, tordna lill-Kummissjoni tressaq is-segwenti elementi:

— il-kompożizzjoni (il-kunjom, il-grad, l-anzjanità fis-servizz u l-assenjazzjoni tal-membri) tal-kumitat ta' evalwazzjoni tal-offerti;

— ir-raġunijiet li motivaw id-diskrepanza bejn id-data tas-sejħa għal offerti u d-data mħabbra fl-avviż ta' tagħrif minn qabel ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;*

— l-informazzjoni li tippermetti li jiġi vverifikat li Group 4 Falck ser teżegwixxi l-kuntratt konklużż mal-Kummissjoni fil-kundizzjonijiet previsti mill-ispeċifikazzjonijiet fil-punti 22 u 28 tagħhom.

40 Il-Kummissjoni, sostnuta mill-intervenjenti, titlob li l-Qorti tal-Prim'Istanza jogħġobha:

— tiddikjara r-rikors għal annullament bħala infondat;

— tiddikjara t-talba għal kumpens inammissibbli;

— sussidjarjament, tiddikjara t-talba għal kumpens infondata;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Fid-dritt

A — *Fuq il-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura*

41 F'dak li jirrigwarda t-talba dwar id-data tas-sejħa għal offerti, il-Kummissjoni indikat, fir-replika tagħha, ir-raġunijiet li mmotivaw il-posponiment tal-pubblikazzjoni tal-

avviż ta' sejħa għal offerti meta mqabbla mad-data mħabbra fl-avviż ta' tagħrif minn qabel. Għaldaqstant, ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq din it-talba, li saret mingħajr skop.

42 F'dak li jirrigwarda t-talba sabiex tiġi mistħarrġa l-osservanza min naħa ta' Group 4 Falck tal-kriterju msemmi fil-punt 28 tal-ispeċifikazzjonijiet bħala kundizzjoni tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, fil-kuntest ta' rikors għal annullament imressaq abbażi tal-Artikolu 230 KE, il-legalità tal-att ikkontestat għandha tiġi evalwata abbażi tal-elementi ta' dritt u ta' fatt li jkunu jeżistu fid-data ta' meta l-att ikun ġie adottat (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Frar 1979, Franza vs Il-Kummissjoni, 15/76 u 16/76, Ġabra p. 321, punt 7; sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-22 ta' Jannar 1997, Opel Austria vs Il-Kunsill, T-115/94, Ġabra p. II-39, punti 87 u 88).

43 Għalhekk, kunsiderazzjonijiet dwar l-eżekuzzjoni tal-kuntratt konkluż bejn Group 4 Falck u l-Kummissjoni, inkwantu jikkostitwixxu ċirkustanzi ta' fatt li seħħew wara l-adozzjoni tal-atti kkontestati, ma jistgħux jiġu invokati insostenn ta' motiv intiż li jikkonfuta l-validità tal-atti msemmija.

44 Minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li t-talbiet għal miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura dwar id-data tas-sejħa għal offerti u l-eżekuzzjoni tal-kuntratt minn Group 4 Falck, għandhom jiġu miċħuda.

45 Ser tingħata deċiżjoni dwar it-talba sabiex tiġi kkomunikata l-kompożizzjoni tal-kumitat ta' evalwazzjoni matul l-evalwazzjoni tas-seba' motiv ta' dan ir-rikors għal annullament, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' trasparenza u tad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet.

B — *Fuq l-ammissibbiltà tal-ilment ibbażat fuq il-posponiment tal-pubblikazzjoni tal-avviż ta' sejħa għal offerti fil-konfront tad-data mħabbra fl-avviż ta' tagħrif minn qabel*

1. *L-argumenti tal-partijiet*

46 Fir-replika tagħha, ir-rikorrenti ppreżentat argument ġdid, ibbażat fuq il-posponiment tal-pubblikazzjoni tal-avviż ta' sejħa għal offerti dwar is-sejħa għal offerti meta mqabbla mad-data mħabbra fl-avviż ta' tagħrif minn qabel. Dan il-bdil fid-data poġġiha f'sitwazzjoni delikata fir-rigward tal-leġiżlazzjoni soċjali Lussemburgiża, fid-dawl tal-perijodu ta' avviż minn qabel fil-każ ta' tkeċċija mill-impjieg previst minn din il-leġiżlazzjoni. L-osservanza tad-data inizjali kienet tippermettilha tantiċipa t-tkeċċijiet jew l-assenjazzjonijiet mill-ġdid bħala konsegwenza tat-telf eventwali tal-kuntratt.

47 Barra minn hekk, kieku ġiet osservata d-data prevista fl-avviż ta' tagħrif minn qabel, Group 4 Falck ma kinitx tkun tista' tipparteċipa fil-proċedura ta' sejħa għal offerti, mingħajr ma tikser l-impenn tagħha li ma tissolleċitax b'mod attiv lill-klijenti tal-kumpanniji ttrasferiti matul perijodu ta' sitt xhur mid-data tat-trasferiment imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Mejju 2004 (Każ COMP/M.3396 — GROUP 4 FALCK/SECURICOR) li awtorizzat l-inkorporazzjoni legali bejn Group 4 Falck A/S u Securicor plc (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Mejju 2004").

48 Il-Kummissjoni tikkontesta l-ammissibbiltà ta' dan l-argument, li hija tikkunsidra bħala motiv ġdid, fis-sens tal-Artikolu 48(2) tar-Regoli tal-Proċedura.

2. *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza*

49 Abbażi tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 48(2) tar-Regoli tal-Proċedura, ebda motiv ġdid ma jista' jiġi ppreżentat matul il-kawża sakemm dan il-motiv ma jkunx ibbażat fuq elementi ta' fatt u ta' dritt li jirriżultaw matul il-proċedura.

50 Madankollu, motiv li jikkostitwixxi estensjoni ta' motiv invokat preċedentement, b'mod dirett jew impliċitu, fir-rikors promotur, u li huwa strettament marbut ma dan il-motiv, għandu jiġi ddikjarat ammissibbli (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Ottubru 1999, Atlanta vs Il-Komunità Ewropea, C-104/97 P, Ġabra p. I-6983, punt 29; sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-8 ta' Marzu 2007, France Télécom vs Il-Kummissjoni, T-340/04, Ġabra p. II-573, punt 164). Barra minn hekk, l-argumenti li s-sustanza tagħhom tkun strettament marbuta ma' motiv invokat fir-rikors promotur ma jistgħux jitqiesu li huma argumenti ġodda, u l-preżentata tagħhom hija ammessa fl-istadju tar-replika jew tas-seduta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Ġunju 1958, Compagnie des hauts fourneaux de Chasse vs L-Awtorità Għolja, 2/57, Ġabra p. 129, 146).

51 F'dan il-każ, l-argument tar-rikorrenti, li huwa bbażat fuq il-posponiment tal-pubblikazzjoni tal-avviż ta' sejħa għal offerti meta mqabbla mad-data mħabbra fl-avviż ta' tagħrif minn qabel, mhuwa bbażat fuq l-ebda element ta' fatt jew ta' dritt li ssemma matul il-proċedura.

52 Għaldaqstant, l-ilment ibbażat fuq is-sitwazzjoni delikata li dan il-posponiment poġġa lir-rikorrenti fiha fir-rigward tal-leġiżlazzjoni soċjali Lussemburgiża applikabbli għat-tkeċċijiet mill-impjieg huwa inammissibbli, għaliex huwa ma jikkostitwixxix estensjoni ta' motiv invokat preċedentement fir-rikors, u ma għandu l-ebda rabta stretta ma' tali motiv.

53 Min-naħa l-oħra, l-ilment li jgħid li l-osservanza tad-data mħabbra fl-avviż ta' tagħrif minn qabel kienet ipprekludiet lil Group 4 Falck milli tipparteċipa għas-sejħa għal offerti huwa strettament marbut mar-raba' motiv tar-rikors, ibbażat fuq il-ksur tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Mejju 2004. Għalhekk, l-argument ibbażat fuq

il-posponiment tal-pubblikazzjoni tal-avviż ta' sejħa għal offerti meta mqabbla tad-data mħabbra fl-avviż ta' tagħrif minn qabel huwa parzjalment ammissibbli, sa fejn dan isostni r-raba' motiv tar-rikorrenti, u konsegwentement ser jiġi eżaminat miegħu.

C — *Fuq ir-rikors għal annullament*

1. *Fuq l-ammissibbiltà*

54 Peress li l-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà ta' rikors jifformaw parti mill-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà għal raġunijiet ta' ordni pubbliku (ara d-Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 1987, D.M. vs Il-Kunsill u CES, 108/86, Ġabra p. 3933, punt 10, u s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-22 ta' Ottubru 2008, TV 2/Danmark vs Il-Kummissjoni, T-309/04, T-317/04, T-329/04 u T-336/04, Ġabra p. II-2935, punt 62, u l-ġurisprudenza ċċitata), hija l-Qorti tal-Prim'Istanza li għandha tivverifika *ex officio* jekk dawn il-kundizzjonijiet humiex sodisfatti.

a) Fuq l-eżistenza ta' deċiżjoni impliċita ta' ċaħda tal-Kummissjoni

55 Mill-ġurisprudenza jirriżulta li, bħala prinċipju, fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet espressi li jistabbilixxu terminu li meta jiskadi jitqies li l-istituzzjoni li ntalbet tieħu pożizzjoni tkun adottat deċiżjoni impliċita, u li jiddefinixxu l-kontenut ta' din id-deċiżjoni, is-skiet waħdu ta' istituzzjoni ma jistax jiġi pparagunat ma' deċiżjoni, mingħajr ma titqiegħed indiskussjoni s-sistema ta' rimedji stabbilita mit-Trattat (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Diċembru 2004, Il-Kummissjoni vs Greencore, C-123/03 P, Ġabra p. I-11647, punt 45; sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-13 ta' Diċembru 1999, SGA vs Il-Kummissjoni, T-189/95, T-39/96, T-123/96, Ġabra p. II-3587, punt 27, u Sodima vs Il-Kummissjoni, T-190/95, T-45/96, Ġabra p. II-3617, punt 32).

56 F'ċerti ċirkustanzi speċifiċi, dan il-prinċipju jista' ma jkunx applikabbli, b'tali mod li s-skiet jew in-nuqqas ta' azzjoni ta' istituzzjoni jistgħu b'mod eċċezzjonali jitqiesu li għandhom valur ta' deċiżjoni impliċita ta' ċaħda (sentenza Il-Kummissjoni vs Greencore, punt 55 iktar 'il fuq, punt 45).

57 F'dan il-każ, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni li tiċħad l-irtirar tad-deċiżjonijiet ta' għoti u ta' ċaħda. Madankollu, l-ebda dispożizzjoni tar-regolament finanzjarju jew tar-regoli ddettaljati għall-implementazzjoni ma tistabbilixxi terminu li meta jiskadi jitqies li tkun ittieħdet deċiżjoni impliċita minnaħa tal-awtorità kontraenti li tkun intalbet tevalwa mill-ġdid id-deċiżjoni ta' għoti jew ta' ċaħda tagħha.

58 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma tinvoka l-ebda ċirkustanza speċifika li tippermetti li, b'mod eċċezzjonali, is-skiet tal-Kummissjoni jiġi pparagunat ma' deċiżjoni impliċita ta' ċaħda.

59 Minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li t-talbiet tar-rikorrenti huma inammissibbli, sa fejn dawn jirrigwardaw l-annullament tal-allegata deċiżjoni impliċita ta' ċaħda tal-Kummissjoni.

b) Fuq l-eżistenza ta' atti li joħolqu effetti legali vinkolanti

60 Skont ġurisprudenza stabbilita, huma biss il-miżuri li jipproduċu effetti legali vinkolanti u li jistgħu jaffettwaw l-interessi tar-rikorrent billi jbiddlu b'mod kunsiderevoli l-pożizzjoni legali tiegħu li jikkostitwixxu atti jew deċiżjonijiet li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors għal annullament skont l-Artikolu 230 KE (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Novembru 1981, IBM vs Il-Kummissjoni, 60/81, Ġabra p. 2639, punt 9, u tal-14 ta' Frar 1989, Bossi vs Il-Kummissjoni, 346/87, Ġabra p. 303, 332).

61 Dan huwa l-każ tad-deċiżjoni tal-għoti.

62 Fir-rigward tal-ittri tal-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 2005, tas-7 ta' Diċembru 2005 u tal-14 ta' Diċembru 2005, mibgħuta lir-rikorrenti, għandu jiġi vverifikat jekk dawn tabilħaqq fihomx deċiżjoni fis-sens tal-Artikolu 230 KE.

63 Skont il-ġurisprudenza, mhuwiex biżżejjed li ittra tkun intbagħtet minn istituzzjoni Komunitarja lid-destinatarju tagħha, b'risposta għal talba magħmula minnu, sabiex din tkun tista' tiġi kklassifikata bħala deċiżjoni fis-sens tal-Artikolu 230 KE, u b'hekk tagħti lok li tinbeda proċedura ta' rikors għal annullament (digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Jannar 1993, Miethke vs Il-Parlament, C-25/92, Ġabra p. I-473, punt 10; sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-22 ta' Mejju 1996, AITEC vs Il-Kummissjoni, T-277/94, Ġabra p. II-351, punt 50, u d-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-11 ta' Diċembru 1998, Scottish Soft Fruit Growers vs Il-Kummissjoni, T-22/98, Ġabra p. II-4219, punt 34). L-ittra inkwistjoni għandha fil-fatt tinkludi miżuri li jissodisfaw id-definizzjoni mfakkra fil-punt 60 iktar 'il fuq.

64 F'dan il-każ, l-ittra tat-30 ta' Novembru 2005, li permezz tagħha l-Kummissjoni informat lir-rikorrenti, b'mod preċiż u inekwivoku, biċ-ċaħda tal-kandidatura tagħha, tibdel b'mod sostanzjali s-sitwazzjoni legali tagħha, u konsegwentement tikkostitwixxi deċiżjoni li tista' tiġi kkontestata.

65 Min-naħa l-oħra, l-ittra tal-Kummissjoni tas-7 ta' Diċembru 2005 tinforma lir-rikorrenti li s-servizz legali tagħha ġie kkonsultat dwar waħda mid-domandi li għamlet fl-ittra preċedenti tagħha, dwar l-allegat ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali tal-offerenti. Barra minn hekk, din tiċħad uħud mill-argumenti li r-rikorrenti semmiet fl-ittri tagħha tal-5 ta' Diċembru 2005, insostenn ta' talba għal evalwazzjoni mill-ġdid tad-deċiżjonijiet ta' għoti u ta' ċaħda, relatati mal-ksur tal-Liġi tad-19 ta' Diċembru 2003 li tittrasponi d-Direttiva 2001/23, kif ukoll l-allegazzjoni tar-rikorrenti li tgħid li l-Kummissjoni tat istruzzjonijiet lil impjegat ta' Brink's sabiex jiġbor il-*curriculum vitae* u l-ittri ta' motivazzjoni tal-persunal ta' Brink's, bil-għan li dawn id-dokumenti jintbagħtu lil Group 4 Falck.

66 Din l-ittra għandha biss natura informativa. Fil-fatt, din ma tagħmel xejn ħlief, minn naħa, tinforma lir-rikorrenti li s-servizz legali tal-Kummissjoni kien ġie kkonsultat u li dan qies li ma setax kien hemm ksur tal-Liġi tad-19 ta' Diċembru 2003, u, min-naħa l-oħra, tirrifjuta l-eżistenza ta' xi istruzzjoni indirizzata lill-persunal ta' Brink's. Għalhekk, din hija nieqsa minn effetti legali vinkolanti li jistgħu jaffettwaw l-interessi tar-rikorrenti, u għalhekk, din bl-ebda mod ma biddlet b'mod sostanzjali s-sitwazzjoni legali tar-rikorrenti.

67 Fir-rigward tal-ittra tal-Kummissjoni tal-14 ta' Diċembru 2005, għandu jiġi osservat li din tinvolvi żewġ aspetti distinti. Permezz ta' din l-ittra, il-Kummissjoni, minn naħa, tinforma lir-rikorrenti biċ-ċaħda tagħha milli tikkomunikalha l-kompożizzjoni eżatta tal-kumitat ta' evalwazzjoni u, min-naħa l-oħra, tipprečiża l-motivazzjoni tad-deċiżjoni ta' ċaħda.

68 F'dak li jirrigwarda ċ-ċaħda tal-komunikazzjoni tal-kompożizzjoni tal-kumitat ta' evalwazzjoni, għandu jitfakkar, minn naħa, li r-Regolament Nru 1049/2001 japplika għal kull talba għal aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet magħmula bil-miktub u, min-naħa l-oħra, li l-Artikolu 3(a) ta' dan ir-regolament jiddefinixxi dokument bħala "kull kontenut, ikun liema jkun il-medju tiegħu (miktub fuq karta jew reġistrat f'forma elettronika jew bħala reġistrazzjoni, ta' ħoss, viżiv jew awdjoviż) dwar kwistjoni dwar il-politiki, l-attivitajiet u d-deċiżjonijiet li jaqgħu fl-isfera ta' responsabbiltà ta' l-istituzzjoni". B'hekk, it-talba għal informazzjoni addizzjonali dwar il-kompożizzjoni tal-kumitat ta' evalwazzjoni mressqa mir-rikorrenti fl-ittra tagħha tat-8 ta' Diċembru 2005, tikkostitwixxi talba għal aċċess għal dokument abbażi tal-Artikolu 3(a) tar-Regolament Nru 1049/2001.

69 Il-proċedura ta' aċċess għad-dokumenti tal-Kummissjoni, irregolata mill-Artikoli 6 sa 8 tar-Regolament Nru 1049/2001 kif ukoll mill-Artikoli 2 sa 4 tal-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/937/KE, KEFA, Euratom tal-5 ta' Diċembru 2001 li temenda r-regoli ta' proċedura (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 408), tiżvolġi f'żewġ stadji. Inizjalment, l-applikant għandu jindirizza lill-Kummissjoni talba inizjali għal aċċess għal dokumenti. Bħala prinċipju l-Kummissjoni għandha tirrispondi għat-talba inizjali f'terminu ta' ħmistax-il ġurnata ta' xogħol minn meta tiġi rreġistrata l-imsemmija talba. Wara, fil-każ ta' ċaħda totali jew parzjali, l-applikant jista' jippreżenta, f'terminu ta' ħmistax-il ġurnata ta' xogħol minn meta jirċievi r-risposta inizjali tal-Kummissjoni, talba konfermattiva lis-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni li għandu, bħala prinċipju, jirrispondiha f'terminu ta' ħmistax-il ġurnata ta' xogħol minn meta din it-talba tiġi rreġistrata. Fil-każ ta' ċaħda totali jew parzjali, l-applikant jista'

jressaq rikors ġudizzjarju kontra l-Kummissjoni, jew iressaq ilment quddiem l-Ombudsman Ewropew, skont il-kundizzjonijiet previsti rispettivament fl-Artikoli 230 KE u 195 KE.

70 Skont il-ġurisprudenza, mill-applikazzjoni flimkien tal-Artikoli 3 u 4 tal-Anness tad-Deċiżjoni 2001/937, kif ukoll tal-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 1049/2001, jirriżulta li r-risposta għat-talba inizjali tikkostitwixxi biss adozzjoni ta' pożizzjoni inizjali, li tagħti lill-applikant il-possibbiltà li jitlob lis-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni jerġa' jeżamina l-pożizzjoni inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-6 ta' Lulju 2006, Franchet u Byk vs Il-Kummissjoni, T-391/03 u T-70/04, Ġabra p. II-2023, punt 47, u tal-5 ta' Ġunju 2008, Internationaler Hilfsfonds vs Il-Kummissjoni, T-141/05, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punti 56 u 109).

71 Konsegwentement, hija biss il-miżura adottata mis-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni li jkollha n-natura ta' deċiżjoni u li kompletament tissostitwixxi l-adozzjoni tal-pożizzjoni preċedenti, li tista' toħloq effetti legali ta' natura li jaffettwaw l-interessi tal-applikant, u għalhekk, li tkun is-suġġett ta' rikors għal annullament fis-sens tal-Artikolu 230 KE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Franchet u Byk vs Il-Kummissjoni, punt 70 iktar 'il fuq, punt 48, u Internationaler Hilfsfonds vs Il-Kummissjoni, punt 70 iktar 'il fuq, punti 57 u 109).

72 F'dan il-każ, ir-risposta li tinsab fl-ittra tal-14 ta' Diċembru 2005, mibgħuta lir-rikorrenti, tikkostitwixxi risposta inizjali tal-Kummissjoni, fis-sens tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 1049/2001, fejn hija kienet qed turi l-intenzjoni tagħha li tiċħad it-talba tar-rikorrenti. Din ir-risposta inizjali tagħti lir-rikorrenti l-possibbiltà li, fl-osservanza tat-termini mogħtija, titlob lis-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni jirrevedi din l-ewwel adozzjoni ta' pożizzjoni, billi jadotta deċiżjoni definittiva.

73 Issa, ir-rikorrenti ma bgħatet l-ebda talba konfermattiva lill-Kummissjoni wara din ir-risposta inizjali. Peress li hija biss id-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali li hija suġġetta għal rikors, tali rikors mhuwiex, bħala prinċipju, ammissibbli fir-rigward tal-ittra tal-14 ta' Diċembru 2005.

74 Madankollu, l-ittra tal-Kummissjoni tal-14 ta' Diċembru 2005 hija vvizjata minn difett proċedurali. Fil-fatt, il-Kummissjoni naqset milli tinforma lir-rikorrenti, hekk kif jimponi l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 1049/2001, bid-dritt tagħha li tippreżenta talba konfermattiva.

75 Din l-irregolarità għandha l-konsegwenza li, b'mod eċċezzjonali, tagħmel ammissibbli rikors għal annullament kontra l-imsemmija talba inizjali. Kieku ma kienx hekk, il-Kummissjoni setgħet tista' tevita l-istħarriġ tal-qorti Komunitarja minħabba vizzju proċedurali mwettaq minnha. Issa, mill-ġurisprudenza jirriżulta li peress li l-Komunità Ewropea hija komunità tad-dritt fejn l-istituzzjonijiet huma suġġetti għall-istħarriġ tal-konformità tal-atti tagħhom mat-Trattat, il-metodi proċedurali applikabbli għar-rikorsi ppreżentati quddiem il-Qorti Komunitarja għandhom jiġu interpretati, sa fejn possibbli, b'tali mod li dawn il-metodi jkunu jistgħu jingħataw applikazzjoni li tikkontribwixxi għall-implementazzjoni tal-għan li tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet li l-individwi jiksbu mid-dritt Komunitarju (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Lulju 2008, Athinaïki Techniki vs Il-Kummissjoni, C-521/06 P, Ġabra p. I-5829, punt 45, u l-ġurisprudenza ċċitata). Fil-fatt, il-ħtieġa ta' stħarriġ ġudizzjarju tikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju, derivanti mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni tal-Istati Membri u li jinsab stabbilit fl-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB), iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Mejju 1986, Johnston, 222/84, Ġabra p. 1651, punt 18; tas-27 ta' Novembru 2001, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija, C-424/99, Ġabra p. I-9285, punt 45, u tal-25 ta' Lulju 2002, Unión de Pequeños Agricultores vs Il-Kunsill, C-50/00 P, Ġabra p. I-6677, punt 39). Barra minn hekk, id-dritt għal rimedju effettiv huwa kkonfermat fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ipproklamata fis-7 ta' Diċembru 2000 f'Nice (ĠU 2000, C 364, p. 1).

76 Għall-bqija, l-ittra tal-14 ta' Diċembru 2005 ma tagħmel xejn iktar ħlief li tippreċiża l-motivazzjoni tad-deċiżjoni ta' ċaħda, billi tipprovdi elementi ta' informazzjoni addizzjonali dwar l-evalwazzjoni kwalitattiva tal-offerti. Fuq dan il-punt, din hija nieqsa minn kull natura deċiżjonali u ma tikkostitwixxix att li jista' jiġi kkontestat fis-sens tal-Artikolu 230 KE.

77 Minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li t-talbiet diretti kontra l-ittri tal-Kummissjoni tas-7 u tal-14 ta' Diċembru 2005 huma inammissibbli, minbarra f'dak li jirrigwarda ċ-ċaħda ta' komunikazzjoni tal-kompożizzjoni tal-kumitat ta' evalwazzjoni.

78 Għalhekk, is-suġġett ta' dan ir-rikors għandu jiġi delimitat għall-annullament tad-deċiżjonijiet ta' għoti u ta' ċaħda, kif ukoll tad-deċiżjoni ta' ċaħda tal-Kummissjoni milli tikkomunika l-kompożizzjoni tal-kumitat ta' evalwazzjoni li tinsab fl-ittra tal-14 ta' Diċembru 2005, u għandhom jiġu ddikjarati inammissibbli t-talbiet diretti kontra l-allegata deċiżjoni impliċita li permezz tagħha l-Kummissjoni ċaħdet li tirtira d-deċiżjonijiet ta' għoti u ta' ċaħda u kontra ż-żewġ ittri ta' risposta tal-Kummissjoni tas-7 u tal-14 ta' Diċembru 2005, minbarra f'dak li jirrigwarda ċ-ċaħda ta' komunikazzjoni tal-kompożizzjoni tal-kumitat ta' evalwazzjoni.

2. *Fuq il-mertu*

79 Ir-rikorrenti tinvoka seba' motivi insostenn tar-rikors għal annullament tagħha, jiġifieri l-ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali minħabba li fl-ispeċifikazzjonijiet il-Kummissjoni ma pprovdietx għat-teħid tal-kuntratti tax-xogħol tal-aġenti assenjati mir-rikorrenti għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' sorveljanza, il-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi tad-19 ta' Diċembru 2003 u tad-Direttiva 2001/23 li din tittrasponi, il-ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali minħabba li l-intervenjenti kellha informazzjoni privileġġata, il-ksur tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Mejju 2004 u tad-dritt tal-kompetizzjoni, il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, tal-prinċipju ta' trasparenza u tad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet, il-ksur tar-regoli tas-suq, tal-ispeċifikazzjonijiet f'dak li jirrigwarda l-evalwazzjoni tal-kriterju li jirrigwardaw it-taħriġ bażiku tal-ewwel għajnuna jew ta' tifi tan-nar volontarju u l-eżistenza ta' żball manifest ta' evalwazzjoni u l-ksur tal-prinċipju ta' trasparenza u tad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet.

80 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li l-motivi kollha tar-rikorrenti, minbarra s-seba' wieħed, huma intiżi, fir-rigward tat-talbiet ammissibbli tar-rikorrenti, għal-kisba tal-

annullament tad-deċiżjonijiet ta' għoti u ta' ċaħda. Is-seba' motiv isir insostenn tat-talba għall-annullament tal-ittra tal-Kummissjoni tal-14 ta' Diċembru 2005.

81 Fir-rigward tal-ewwel sitt motivi intiżi għall-annullament tad-deċiżjonijiet ta' għoti u ta' ċaħda, il-Qorti tal-Prim'Istanza tqis li jkun xieraq li qabel kollox tiġi eżaminata l-legalità tad-deċiżjoni tal-għoti.

82 L-ewwel motiv jissupponi li, fil-każ fejn il-Liġi tad-19 ta' Diċembru 2003 ma kinitx applikabbli, il-Kummissjoni kellha timponi, fuq il-fornitur magħżul il-ġdid, it-teħid tal-kuntratti ta' xogħol kollha tal-impjegati tar-rikorrenti, b'applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali. B'hekk, dan il-motiv huwa sussidjarju meta mqabbel mat-tieni motiv, b'tali mod li t-tieni motiv għandu jiġi eżaminat qabel.

a) Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi tad-19 ta' Diċembru 2003, li tittrasponi d-Direttiva 2001/23

83 Dan il-motiv jinqasam f'żewġ partijiet, ibbażati, minn naħa, fuq l-irregolarità tal-offerta ta' Group 4 Falck u, min-naħa l-oħra, fuq l-illegalità tal-ispeċifikazzjonijiet tal-Kummissjoni.

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq l-irregolarità tal-offerta ta' Group 4 Falck

— L-argumenti tal-partijiet

84 Ir-rikorrenti ssostni li, jekk il-Liġi tad-19 ta' Diċembru 2003 u d-Direttiva 2001/23 li din tittrasponi, japplikaw għal din il-kawża, ikun jirriżulta li l-offerta ta' Group 4 Falck hija irregolari għaliex ma kinitx tinkludi l-obbligu tat-teħid tal-kuntratti ta' xogħol tal-aġenti ta' Brink's assenjati għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' sorveljanza konkluż mal-Kummissjoni.

85 Hija tosserva li Group 4 Falck iddikjarat, f'ittra tal-14 ta' Diċembru 2005 mibgħuta lir-rikorrenti, li kien beħsiebha ma tosservax il-Liġi tad-19 ta' Diċembru 2003, peress li fiha, Group 4 Falck spjegat li kienet disposta li timpjega biss madwar 40 persuna bi prijorità minn fost l-impjegati anzjani fis-servizz ta' Brink's. Hija tenfasizza li, fil-31 ta' Marzu 2006, Group 4 Falck kienet ħadet il-kuntratt tax-xogħol ta' 56 mill-173 impjegat li Brink's kienet assenjat għat-twettiq tal-kuntratt.

86 Għaldaqstant, ir-rikorrenti tqis li Group 4 Falck kisret il-liġi Lussemburgiża u d-Direttiva 2001/23 li hija tittrasponi, billi ħadet biss parti mill-ex impjegati mingħajr ma żammet id-drittijiet tagħhom. Għalhekk, iċ-ċaħda tal-Kummissjoni li tirtira d-deċiżjoni tal-għoti tagħha, minkejja l-elementi prodotti mir-rikorrenti, hija illegali.

87 Il-Kummissjoni tikkontesta l-applikabbiltà tal-liġi invokata mir-rikorrenti minħabba li f'dan il-każ ma seħħ l-ebda trasferiment ta' impriża. Sussidjarjament, hija tosserva li, anki li kieku seħħ trasferiment ta' impriża, hija ma setgħetx tkun taf b'dan fl-istadju tal-preparazzjoni tas-sejħa għal offerti.

88 Group 4 Falck tingħaqad mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni dwar l-inapplikabbiltà tal-Liġi tad-19 ta' Diċembru 2003. Hija tosserva wkoll li, peress li t-teħid ta' parti sostanzjali mill-persunal hija kundizzjoni determinanti fit-twettiq ta' trasferiment ta' impriża, u peress li l-ispeċifikazzjonijiet ma kinux jimponu din il-kundizzjoni, id-Direttiva 2001/23 ma setgħetx tapplika *a priori*.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

89 Skont l-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 2001/23, trasposta fid-dritt Lussemburgiż bl-Artikolu 1 tal-Liġi tad-19 ta' Diċembru 2003 invokata mir-rikorrenti, din id-direttiva "għandha tapplika għal kull trasferiment ta' impriża, negozju jew parti minn impriża jew negozju lil persuna oħra li timpjega bħala riżultat ta' trasferiment jew inkorporazzjoni legali".

90 Skont il-paragrafu 1(b) ta' dan l-istess Artikolu, "ikun hemm trasferiment fis-sens ta' din id-Direttiva meta jkun hemm trasferiment ta' xi entità ekonomika li żżomm l-identità tagħha, jiġifieri għaqda organizzata ta' riżorsi bl-objettiv li twettaq attività ekonomika, indipendentement minn jekk l-attività hijiex ċentrali jew anċillari".

91 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kriterju deċiżiv sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' trasferiment fis-sens tad-Direttiva 2001/23 huwa jekk l-entità inkwistjoni żżommx l-identità tagħha, u dan jirriżulta, b'mod partikolari, mit-tkomplija effettiva jew il-bidu mill-ġdid tal-attività tagħha (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Marzu 1986, Spijkers, 24/85, Ġabra p. 1119, punti 11 u 12, u tal-11 ta' Marzu 1997, Süzen, C-13/95, Ġabra p. I-1259, punt 10).

92 Is-sempliċi ċirkustanza li s-servizzi pprovduti mill-offerent magħżul preċedenti u mill-offerent magħżul il-ġdid huma simili ma tfissirx li jista' jiġi konkluż li kien hemm trasferiment ta' entità ekonomika bejn l-impriżi suċċessivi. Fil-fatt, tali entità ma tistax tiġi limitata għall-attività li ġiet fdata lilha. L-identità tagħha tirriżulta wkoll minn elementi oħra bħall-persunal li jifformaha, l-istruttura tagħha, l-organizzazzjoni tax-

xogħol li twettaq, il-metodi ta' kif topera jew, jekk ikun il-każ, saħansitra l-mezzi li għandha għad-dispożizzjoni tagħha sabiex topera (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Diċembru 1998, Hidalgo *et*, C-173/96 u C-247/96, Ġabra p. I-8237, punt 30).

93 Għalhekk, peress li, f'settur bħal dak tal-għassa, fejn l-attività ekonomika hija essenzjalment ibbażata fuq il-ħaddiema, grupp ta' impjegati li fit-tul iwettqu attività komuni jista' jikkostitwixxi entità ekonomika, tali entità tista' żżomm l-identità tagħha lil hinn mit-trasferiment tagħha meta l-offerent magħżul il-ġdid ma jillimitax ruħu li jkompli l-attività inkwistjoni, iżda jieħu wkoll parti essenzjali, f'termini ta' numru u ta' kompetenza, mill-persunal li l-predeċessur tiegħu kien assenja preċedentement għal dan l-inkarigu (sentenza Hidalgo *et*, punt 92 iktar 'il fuq, punt 32).

94 Minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li, f'dan il-każ, l-eżistenza ta' trasferiment ta' impriża bejn l-offerent magħżul preċedenti u l-appaltatur il-ġdid tiddependi fuq l-eventwali teħid, min-naħa tal-offerent magħżul il-ġdid, ta' parti essenzjali, f'termini ta' numru u ta' kompetenza, mill-impjegati li r-rikorrenti kienet assenjat għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Konsegwentement, il-Kummissjoni, la meta ppubblikat is-sejħa għal offerti, u lanqas meta adottat id-deċiżjoni tal-għoti, ma setgħet tkun taf jekk kinux jeżistu l-kundizzjonijiet fattwali meħtieġa sabiex ikun hemm trasferiment ta' impriża li jinvolvi l-applikazzjoni tal-Liġi tad-19 ta' Diċembru 2003 li tittrasponi d-Direttiva 2001/23.

95 Barra minn hekk, l-ittra tal-14 ta' Diċembru 2005 invokata mir-rikorrenti, fejn Group 4 Falck wriet ir-rieda li timpjega 40 persuna supplimentari b'mod prijoritarju minn fost l-impjegati ta' Brink's assenjati għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt li kien ingħata lilha, hija sempliċi espressjoni ta' intenzjoni. Din ma tistax tiġi pparagunata mat-teħid ta' parti essenzjali, f'termini ta' numru u ta' kompetenza, tal-impjegati (li jammontaw għal 173) li Brink's kienet assenjat għall-kuntratt inkwistjoni, jiġifieri għall-kundizzjoni meħtieġa mill-ġurisprudenza sabiex ikun hemm trasferiment ta' impriża (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Hidalgo *et*, punt 92 iktar 'il fuq, punt 32).

96 Barra minn hekk, din l-intenzjoni ġiet espressa wara li saret l-offerta minn Group 4 Falck u wara li ngħatat id-deċiżjoni tal-għoti. Issa, fil-kuntest ta' rikors għal annullament ibbażat fuq l-Artikolu 230 KE, il-legalità tal-att Komunitarju inkwistjoni għandha tiġi evalwata abbażi tal-elementi ta' fatt u ta' dritt li kienu jeżistu fil-ġurnata ta' meta dan l-att ġie adottat (sentenza Franza vs Il-Kummissjoni, punt 42 iktar 'il fuq, punt 7; sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-25 ta' Ġunju 1998, British Airways *et* vs Il-Kummissjoni, T-371/94 u T-394/94, Ġabra p. II-2405, punt 81, u tal-14 ta' Jannar 2004, Fleuren Compost vs Il-Kummissjoni, T-109/01, Ġabra p. II-127, punt 50) u tal-informazzjoni li l-istituzzjoni awtriċi tal-att seta' kellha meta adottatu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Settembru 2002, Falck u Acciaierie di Bolzano vs Il-Kummissjoni, C-74/00 P u C-75/00 P, Ġabra p. I-7869, punt 168). Għalhekk, ir-rikorrenti ma tistax tinvoka quddiem il-Qorti Komunitarja elementi ta' fatt li seħħew wara li ngħatat id-deċiżjoni tal-għoti, jew elementi li l-Kummissjoni ma setgħetx tkun taf bihom waqt l-adozzjoni tagħha. L-istess jgħodd għall-allegazzjoni tar-rikorrenti li tgħid li Group 4 Falck ħadet, fil-31 ta' Marzu 2006, 56 mill-173 impjegat li kienet assenjat għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt ikkontestat.

97 Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li ċ-ċirkustanzi ta' fatt neċessarji għall-eżistenza ta' trasferiment ta' impriża la kienu sodisfatti meta saret l-offerta ta' Group 4 Falck fit-12 ta' Ottubru 2005, u lanqas meta ttieħdet id-deċiżjoni tal-għoti.

98 Barra minn hekk, ma hemmx lok li tingħata risposta għall-ilment tar-rikorrenti li jirrigwarda l-illegalità taċ-ċaħda tal-Kummissjoni milli tirtira d-deċiżjoni tal-għoti tagħha, fid-dawl tan-nuqqas ta' deċiżjoni impliċita ta' ċaħda u tal-inammissibbiltà tat-talbiet tar-rikorrenti intiżi għall-annullament tal-ittri tal-Kummissjoni tas-7 u tal-14 ta' Diċembru 2005, ħlief f'dak li jirrigwarda ċ-ċaħda tal-komunikazzjoni tal-kompożizzjoni tal-kumitat ta' evalwazzjoni.

99 Konsegwentement, għandu jitqies li l-argument tar-rikorrenti ma jistax jirnexxi.

100 Minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li din il-parti għandha tinċaħad.

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq l-illegalità tal-ispeċifikazzjonijiet tal-Kummissjoni

— L-argumenti tal-partijiet

101 Ir-rikorrenti tilmenta li fl-ispeċifikazzjonijiet mogħtija lill-offerenti, il-Kummissjoni ma inkludietx l-inventarji tal-impjegati tagħha u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt tagħhom. Fin-nuqqas ta' tali inventarju, kien impossibbli li waħda mill-offerti mressqa mill-offerenti l-oħra tkun tinkludi fiha t-teħid tal-impjegati msemmija.

102 Il-Kummissjoni tqis li, anki li kieku tiġi stabbilita l-eżistenza ta' trasferiment ta' impriża, minn dan ma jistax jiġi dedott obbligu fuq l-awtorità kontraenti li timponi t-teħid tal-kuntratti ta' xogħol fl-ispeċifikazzjonijiet.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

103 Abbażi tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ta' kooperazzjoni leali bejn l-istituzzjonijiet Komunitarji u l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet huma marbuta li jiżguraw ruħhom li l-kundizzjonijiet previsti f'sejħa għal offerti ma jħajrux lill-offerenti potenzjali jiksru l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-attività tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-6 ta' Lulju 2000, AICS vs Il-Parlament, T-139/99, Ġabra p. II-2849, punt 41).

104 F'dan il-każ, in-nuqqas ta' inventarju tal-impjegati ta' Brink's fl-ispeċifikazzjonijiet ma jistax jitqies li jħajjar lill-offerenti jew lill-offerent magħżul jiksru l-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-osservanza tad-drittijiet tal-ħaddiema fil-każ ta' trasferiment ta' impriża. Fl-ispeċifikazzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni ma imponiet l-ebda kundizzjoni li neċessarjament twassal għall-ksur tal-Liġi tad-19 ta' Diċembru 2003, billi tgħamel impossibbli kull teħid tal-kuntratti ta' xogħol fil-każ ta' trasferiment ta' impriża. L-uniċi

kundizzjonijiet fl-ispeċifikazzjonijiet relatati mal-persunal, jiġifieri l-ħtieġa ta' esperjenza professjonali minima ta' sena, ta' tliet snin jew ta' ħames snin skont il-funzjoni moqdija, u l-ħtieġa li mill-inqas 10 % tal-aġenti ta' sigurtà għandu jkollhom taħriġ bażiku tal-ewwel għajnuna u/jew ta' tifi tan-nar volontarju, ma jostakolawx l-osservanza ta' eventwali obbligu li jirriżulta mil-Liġi tad-19 ta' Diċembru 2003 li jittieħdu l-kuntratti ta' xogħol tal-aġenti li Brink's kienet assenjat għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' sorveljanza.

105 Barra minn hekk, l-ispeċifikazzjonijiet kienu jipprovdu espressament li meta jiffirma l-kuntratt, l-offerent magħżul kellu jkun konformi mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ fil-Lussemburgu, u b'hekk wissew lill-offerenti sabiex jiżguraw ruħhom li kienu qed josservaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ.

106 Minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li l-ilment tar-rikorrenti dwar in-nuqqas ta' inventarju tal-impjegati tagħha fl-ispeċifikazzjonijiet għandu jinċaħad.

b) Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali applikat għall-kuntratti pubbliċi

L-argumenti tal-partijiet

107 Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni, meta imponiet anzjanità minima ta' sena, poġġietha f'sitwazzjoni sfavorevoli inkwantu, peress li kellha l-kuntratt sa mis-snin 70, hija kienet timpjega numru kbir ta' impjegati li l-anzjanità tagħhom kienet superjuri għal-sena, ħaġa li kienet tirrappreżenta spiża f'pagi li l-offerenti l-oħra ma kellhomx għalfejn jintegraw fl-offerti tagħhom. Għalkemm it-teħid tat-totalità tal-kuntratti ta' xogħol, biż-żamma tad-drittijiet tagħhom, tal-impjegati ta' Brink's assenjati għall-

kuntratt inkwistjoni ma jorbotx lill-offerent magħżul il-ġdid, il-Kummissjoni kellha b'hekk tagħmel dan it-teħid obbligatorju sabiex tevita tali ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali.

108 Ir-rikorrenti tqis li l-impożizzjoni tal-obbligu tat-teħid tal-kuntratti ta' xogħol ma kienx jipprekludi lill-offerenti l-oħra milli jippproponu prezzijiet inferjuri, billi jtejjbu aspetti oħra mill-offerti tagħhom.

109 Il-Kummissjoni tosserva li l-kundizzjoni ta' esperjenza professjonali minima ta' sena għall-aġenti hija rekwiżit realistiku u adattat għan-natura speċifika tal-funzjoni ta' sorveljanza tal-bini tagħha, li barra minn hekk ikkontribwixxiet sabiex il-kuntratt ikun miftuħ sal-massimu għall-kompetizzjoni.

110 Hija żżid li l-ħtieġa ta' esperjenza professjonali minima għola, sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-ispejjeż tal-pagi ta' Brink's, kienet tkun diskriminatorja fir-rigward tal-offerenti l-oħra.

111 Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li hija ma kellhiex l-awtorità taħt id-dritt Lussemburgiż li timponi t-tiġdid tal-kuntratti ta' xogħol.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

112 Skont l-Artikolu 89(1) tar-regolament finanzjarju, il-kuntratti pubbliċi kollha li huma ffinanzjati totalment jew parzjalment mill-baġit għandhom ikunu konformi mal-prinċipji ta' trasparenza, ta' proporzjonalità, ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni.

113 Għalhekk, skont ġurisprudenza stabbilita, l-awtorità kontraenti hija marbuta, f'kull fażi tal-proċedura ta' sejħa għal offerti, li tosserva l-prinċipju ta' trattament ugwali tal-offerenti u, konsegwentement, li tosserva l-ugwaljanza tal-opportunitajiet tal-offerenti kollha (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 2004, Il-Kummissjoni vs CAS Succhi di Frutta, C-496/99 P, Ġabra p. I-3801, punt 108; sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-17 ta' Diċembru 1998, Embassy Limousines & Services vs Il-Parlament, T-203/96, Ġabra p. II-4239, punt 85, u tat-12 ta' Lulju 2007, Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni, T-250/05, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 45).

114 Il-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-offerenti, li għandu l-iskop li jiffavorixxi l-iżvilupp ta' kompetizzjoni f'saħħitha u effettiva bejn l-impriżi li jipparteċipaw fl-għoti ta' kuntratt pubbliku, jimponi li l-offerenti kollha jkollhom l-istess opportunitajiet fil-formulazzjoni tat-termini tal-offerti tagħhom u għalhekk jimplika li dawn għandhom jiġu ppreżentati taħt l-istess kundizzjonijiet għall-kompetituri kollha (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Marzu 2008, European Network vs Il-Kummissjoni, T-332/03, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 125, u l-ġurisprudenza ċċitata).

115 Fir-rigward tal-prinċipju ta' trasparenza, li jikkostitwixxi korollarju tal-prinċipju ta' ugwaljanza, dan essenzjalment għandu l-iskop li jiggarantixxi n-nuqqas ta' riskju ta' favoritiżmi u ta' arbitrarjetà min-naħa tal-awtorità kontraenti. Dan jimplika li l-kundizzjonijiet u l-modalitajiet kollha tal-proċedura ta' għoti jkunu fformulati b'mod ċar, preċiż u inekwivoku, fis-sejħa għal offerti jew fl-ispeċifikazzjonijiet (sentenza Il-Kummissjoni vs CAS Succhi di Frutta, punt 113 iktar 'il fuq, punt 111).

116 Fl-istess sens, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 131(1) tar-regoli ddettaljati għall-implementazzjoni jipprovdi li "[L-is]peċifikazzjonijiet tekniċi iridu jagħtu aċċess ugwali lill-kandidati u lil min jitfa' l-offerti u mhux ikollhom l-effett li joħolqu xkiel mhux iġġustifikat biex ikun hemm offerti kompetittivi".

117 F'dan il-każ, ir-rikorrenti ssostni li, billi imponiet, fl-ispeċifikazzjonijiet, il-kundizzjoni ta' esperjenza professjonali minima ta' sena, is-sejħa għal offerti ma kinitx tippermetti li jiġi żgurat li l-offerenti jingħataw trattament ugwali.

118 Għandu jiġi kkonstatat li l-kundizzjoni ta' esperjenza professjonali minima ta' sena għall-aġenti fil-qasam tal-għassa, prevista fil-punt 21 tal-ispeċifikazzjonijiet, tapplika b'mod indistint għall-offerenti kollha.

119 Barra minn hekk, din il-kundizzjoni ġiet stabbilita b'mod ċar, preċiż u inekwivoku.

120 Barra minn hekk, il-ħtieġa ta' esperjenza professjonali minima ta' sena ma tidhirx inadatta fir-rigward tal-funzjonijiet ta' sorveljanza li għandhom jitwettqu fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Għandu jiġi osservat li, għall-impjiegi ta' persuna responsabbli għall-bini u ta' kap ta' grupp, l-ispeċifikazzjonijiet kienu jeħtieġu esperjenza professjonali minima ta' ħames snin fil-qasam tal-għassa, fejn minimu ta' sentejn minnhom bħala responsabbli minn gruppi ta' għassa, u esperjenza professjonali minima ta' tliet snin għall-operaturi tad-dispaċċ ta' sigurtà. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet tal-ispeċifikazzjonijiet li jirrigwardaw l-esperjenza professjonali tal-aġenti juru l-intenzjoni tal-awtorità kontraenti li tadatta l-ħtiġijiet relatati mal-esperjenza professjonali mal-ispeċifiċitajiet tax-xogħol li għandu jsir.

121 Mill-bqija, ir-rikorrenti ma tikkontestax l-adegwatezza tal-ħtieġa ta' esperjenza professjonali minima ta' sena għall-ispeċifiċitajiet tax-xogħol li għandu jsir.

122 F'kull każ, il-Kummissjoni, hekk kif tenfasizza, ikkontribwixxiet sabiex tnaqqas in-numru ta' offerenti potenzjali billi imponiet esperjenza professjonali superjuri għal sena, u bl-istess mod naqset l-iżvilupp ta' kompetizzjoni effettiva mingħajr ma dan jidher ġustifikat min-neċessitajiet tal-funzjonijiet. Tali kundizzjoni tikkostitwixxi xkiel mhux ġustifikat għal-għoti tal-kuntratti skont l-Artikolu 131 tar-regoli ddettaljati għall-implementazzjoni.

123 Għandu jiġi osservat ukoll li d-Direttiva 2001/23, trasposta fid-dritt Lussemburgiż permezz tal-Liġi tad-19 ta' Diċembru 2003, għandha kamp ta' applikazzjoni determinat. Il-Kummissjoni ma kinitx obbligata, peress li ma kinux sodisfatti l-kundizzjonijiet ta'

trasferiment ta' impriża (ara l-punti 89 sa 97 iktar 'il fuq), li timponi t-tiġdid tal-kuntratti ta' xogħol. Fil-fatt, il-Kummissjoni la għandha s-setgħa li tobbliga lil kumpannija tittrasferixxi l-kuntratti ta' xogħol tagħha, u lanqas li tobbligha timpjega lil persuni li hija ma għażlitx.

124 Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li l-Kummissjoni ma kinitx obbligata, abbażi tal-prinċipju ta' trattament ugwali tal-offerenti, li timponi esperjenza professjonali minima superjuri għal sena, u lanqas li timponi t-teħid tal-aġenti assenjati minn Brink's għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Għalhekk, dan il-motiv għandu jinċaħad.

c) Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali applikat għall-kuntratti pubbliċi, li jirriżulta mill-fatt li Group 4 Falck kellha informazzjoni privileġġata meta ressqet l-offerta tagħha

L-argumenti tal-partijiet

125 Ir-rikorrenti tqis li Group 4 Falck kellha informazzjoni privileġġata li tirrigwardaha, li setgħet tgħinha u tkun ta' vantaġġ fil-preparazzjoni tal-offerta tagħha. Minn dan jirriżulta ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali, u b'mod iktar partikolari tat-trattament ugwali tal-offerenti.

126 Din l-informazzjoni essenzjali kienet ingħatat minn Securicor Luxembourg — li saret Brink's — lill-kumpannija prinċipali preċedenti tagħha matul l-inkorporazzjoni legali bejn Group 4 Falck A/S u Securicor, sabiex tirrispondi għat-talbiet għal informazzjoni addizzjonali magħmula mill-Kummissjoni wara notifika tal-konċentrazzjoni. B'mod partikolari, din l-informazzjoni tikkonsisti fid-dħul mill-bejgħ għal kull klijent u għal kull attività, f'informazzjoni dwar il-kuntratti, f'listi ta' klijentela, f'informazzjoni dwar il-persuni ta' kuntatt kif ukoll analiżi tal-prezzijiet, tal-ispejjeż, tal-marġini u tal-profitti. Anki jekk jitqies li l-Kummissjoni setgħet leġittimament ma tkunx taf b'dan il-fatt matul

l-għoti tal-kuntratt, hija kellha tirtira d-deċiżjoni tal-għoti tagħha meta r-rikorrenti ġibditilha l-attenzjoni dwar dan il-fatt f'ittra tal-5 ta' Diċembru 2005.

127 Ir-rikorrenti tenfasizza li d-dispożittiv ta' iżolament ("ring fencing") stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Mejju 2004 sabiex tiżgura ruħha li Group 4 Falck ma tkunx tista' tuża sigrieti kummerċjali, għarfien professjonali, informazzjoni kummerċjali u kull informazzjoni kunfidenzjali oħra dwar l-assi trasferiti, ġie stabbilit biss b'effett mid-data ta' din id-deċiżjoni.

128 Il-Kummissjoni tqis li l-prinċipju ta' trattament ugwali tal-offerenti ma jinkisirx bis-sempliċi fatt li wieħed mill-offerenti għandu ċerta informazzjoni, anki jekk privileġġata, li ma għandhomx l-offerenti l-oħra. Hija tqis li mhijiex marbuta li tivverifika b'mod sistematiku jekk l-informazzjoni li għandhom l-offerenti hijiex ta' natura kunfidenzjali.

129 Il-Kummissjoni tippreċiża li hija ma kellha l-ebda raġuni għalfejn taħseb, fiż-żmien tal-għoti tal-kuntratt, li l-offerent magħżul kellu tali informazzjoni, peress li kien ġie implementat dispożittiv ta' iżolament wara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Mejju 2004. Ir-rikorrenti ma pprovatx, skont il-Kummissjoni, li Group 4 Falck ibbenifikat minn informazzjoni privileġġata.

130 L-intervenjenti tindika li qatt ma kisbet informazzjoni dwar ir-rikorrenti jew dwar il-kuntratt inkwistjoni min-naħa tal-kumpannija prinċipali tagħha, Group 4 Falck A/S, jew mill-kumpannija li ġiet stabbilita mill-inkorporazzjoni legali taż-żewġ gruppi, il-kumpannija Group 4 Securicor plc, la qabel u lanqas wara l-inkorporazzjoni legali. Hija tosserva li, f'kull każ, l-informazzjoni li ġiet trażmessa, skont ir-rikorrenti, kienet ġenerika wisq sabiex tkun utli fil-kuntest ta' din l-offerta, inkwantu ma kinitx tinkludi informazzjoni essenzjali bħad-dettalji tal-ispejjeż (pagi, rata ta' assentejiżmu, spejjeż ta' tgħalim u ta' taħriġ) u l-marġni ta' profitt tal-kuntratt inkwistjoni. Barra minn hekk, din l-informazzjoni hija antika u obsoleta, fid-dawl tal-bdil li seħħ wara l-integrazzjoni tar-rikorrenti fil-grupp Brink's Inc. u tad-differenzi kbar bejn is-sejħa għal offerti

inkwistjoni u dik preċedenti (definizzjoni mill-ġdid tal-kategoriji ta' aġenti u tal-funzjonijiet assenjati lilhom, obbligi ġodda ta' taħriġ u iktar limitazzjonijiet f'dak li jirrigwarda l-materjal).

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

131 Għandu jiġi determinat jekk Group 4 Falck kellhiex informazzjoni kunfidenzjali li setgħet tavvantaġjaha b'mod determinanti fil-preparazzjoni tal-offerta tagħha. Dan jeħtieġ li jiġi stabbilit, minn naħa, li informazzjoni essenzjali ta' dan it-tip ġiet trażmessa mir-rikorrenti waqt in-notifika ta' konċentrazzjoni u, min-naħa l-oħra, li din l-informazzjoni ġiet sussegwentement ikkomunikata lil Group 4 Falck mill-kumpannija prinċipali tagħha u użata minn Group 4 Falck fil-preparazzjoni tal-offerta tagħha.

132 Ir-rikorrenti ssostni li ttrażmettiet informazzjoni essenzjali lill-kumpannija prinċipali preċedenti tagħha, Securicor, li minnha bbenifikat Group 4 Falck. Hija ressqet, bħala anness mar-rikors, numru ta' messaġġi elettroniċi mibgħuta bejn il-5 ta' Marzu 2004 u s-26 ta' April 2004 lil Securicor, li b'mod partikolari jinkludu informazzjoni dwar is-suq tal-għassa fil-Lussemburgu, dwar id-dħul mill-bejgħ magħmul mill-ikbar għaxar kuntratti tar-rikorrenti (fejn l-ewwel fil-lista hemm l-għassa tal-bini tal-Kummissjoni) u dwar l-istruttura tal-ispejjeż, diretti u indiretti, tal-attività ta' għassa tagħha. Fost l-informazzjoni trażmessa tidher ukoll informazzjoni soċjali, bħar-rata medja kkonstatata ta' leave minħabba mard, jew il-portata tas-sigħat żejda, kif ukoll ir-rata tal-qligħ fir-rigward tal-attività ta' għassa tar-rikorrenti.

133 Din l-informazzjoni, dwar l-attivita kollha ta' għassa tar-rikorrenti u mhux dwar il-kuntratt inkwistjoni, mhijiex tali li avvantaġġat lill-offerent magħżul b'mod determinanti, għaliex din ma tippermettix li jiġi kkalkolat bi preċiżjoni l-prezz tal-offerta tar-rikorrenti.

134 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma tressaq l-ebda prova insostenn tal-affermazzjoni tagħha li tgħid li din l-informazzjoni ngħatat lil Group 4 Falck mill-kumpannija prinċipali tagħha u użata minn Group 4 Falck waqt il-preparazzjoni tal-offerta tagħha, bi ksur tad-dikjarazzjonijiet ta' kunfidenzjalità ffirmati mill-impjegati ta' Group 4 Falck, b'applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Mejju 2004.

135 Għandu jiġi osservat ukoll li r-rikorrenti u l-intervenjenti ma kinux l-uniċi impriżi li tefgħu offerta. Anki jekk jitqies li l-offerent magħżul kellu l-informazzjoni msemmija, kien ikun riskjuż li dan jifformula l-offerta tiegħu biss fil-konfront ta' dik tar-rikorrenti, li kienet biss waħda mis-sitt offerenti, billi jibbaża ruħu fuq informazzjoni li tmur lura għall-2004 u preċedenti għat-trasferiment ta' Securicor Luxembourg — li saret Brink's — mill-grupp Brink's, li setgħet, sadanittant, introduċiet bdil sostanzjali fit-tmexxija tal-impriża.

136 Minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li r-rikorrenti la pprovat li ttrażmettiet, waqt in-notifika tal-operazzjoni ta' konċentrazzjoni, informazzjoni kunfidenzjali ta' natura li tavvantaġġja lil Group 4 Falck fil-preparazzjoni tal-offerta tagħha, u lanqas li tali informazzjoni ġiet trażmessa lil Group 4 Falck mill-kumpannija prinċipali tagħha u użata mill-offerent magħżul fil-kuntest tas-sejħa għal offerti.

137 Għalhekk, dan il-motiv għandu jinċaħad.

d) Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Mejju 2004

L-argumenti tal-partijiet

138 Permezz ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni tal-għoti hija illegali minħabba li din tikser id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Mejju 2004.

139 Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Mejju 2004 awtorizzat l-inkorporazzjoni legali bejn Group 4 Falck A/S u Securicor bla ħsara għat-trasferiment ta' ċertu numru ta' assi, fosthom Securicor Luxembourg, trasferita lill-grupp Brink's. Skont ir-rikorrenti, l-għoti lil Group 4 Falck tal-kuntratt inkwistjoni, li qabel kien miżmum minn Brink's, għandu l-effett li jippermetti lil Securicor li tirkupra l-ishma tas-suq u l-assi ttrasferiti fil-kuntest tal-inkorporazzjoni legali. Barra minn hekk, dan l-irkupru ġie permess mid-detenzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali miksuba minn grupp Group 4 Securicor waqt in-notifika tal-konċentrazzjoni.

140 Il-Kummissjoni tikkontesta kull ksur tad-deċiżjoni tagħha tat-28 ta' Mejju 2004, b'mod partikolari tal-impenji li Group 4 Falck A/S u Securicor ħadu sabiex jiksbu deċiżjoni li l-konċentrazzjoni kienet kompatibbli mas-suq komuni.

141 Il-Kummissjoni tenfasizza li l-impenn Nru 10 msemmi fid-deċiżjoni, li jgħid li għal perijodu ta' sitt xhur mid-data tat-trasfeiment Group 4 Falck Securicor ma kellhiex tissolleċita b'mod attiv lill-klijenti tal-kumpanniji ttrasferiti, ma nkisirx. Fil-fatt, is-sottomissjoni tal-offerta ta' Group 4 Falck seħħet fit-12 ta' Ottubru 2005, jiġifieri wara t-terminu ta' sitt xhur mit-trasferiment, li seħħ fl-4 ta' Marzu 2005.

142 Skont l-impenn Nru 9 msemmi fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Mejju 2004, Group 4 Falck kienet ukoll marbuta li ma tiksibx jew tuża informazzjoni kunfidenzjali dwar ir-rikorrenti. Issa, skont il-Kummissjoni, Group 4 Falck ma setgħetx tikser dan l-impenn fid-dawl tad-dispożittiv ta' iżolament implementat waqt l-operazzjoni ta' konċentrazzjoni, hekk kif jikkonferma r-rapport tal-mandatarju inkarigat li jinvestiga l-osservanza tal-impenji meħuda. Il-Kummissjoni tqis li r-rikorrenti ma tressaq l-ebda prova intiża sabiex turi li l-impenji meħuda nkisru.

143 Fir-replika tagħha, ir-rikorrenti tippreċiża li d-dispożittiv ta' iżolament ġie implementat biss wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Mejju 2004, u jirrigwarda biss l-informazzjoni mogħtija wara li ngħatat din id-deċiżjoni, filwaqt li l-informazzjoni kunfidenzjali dwar is-suq inkwistjoni ngħatat qabel din id-data.

144 Hija tgħid ukoll li, kieku d-data prevista mill-avviż ta' tagħrif minn qabel ġiet osservata, Group 4 Falck ma kinitx tkun awtorizzata li tipparteċipa fil-proċedura ta' sejħa għal offerti, fid-dawl tat-terminu ta' sitt xhur previst mill-impenn Nru 10.

145 Il-Kummissjoni tenfasizza li d-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż ta' sejħa għal offerti mħabbra fl-avviż ta' tagħrif minn qabel hija biss stima, ta' natura indikattiva. Hija tispjega li l-elaborazzjoni tas-sejħa għal offerti ħadet iktar żmien milli kien inizjalment previst, għaliex kienet tikkonċerna diversi organi tal-Komunità.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

146 L-argument tar-rikorrenti li jgħid li l-għoti tal-kuntratt inkwistjoni lil Group 4 Falck iwassal sabiex il-grupp li rriżulta mill-inkorporazzjoni legali jirkupra l-ishma tas-suq, u b'hekk l-assi ttrasferiti, għandu jinċaħad. L-għan tat-trasferiment tal-assi li Securicor kellha fis-suq tal-għassa fil-Lussemburgu impost mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Mejju 2004 huwa li jiġi prekluż li l-konċentrazzjoni twassal għall-ħolqien ta'

pożizzjoni dominanti f'dan is-suq. Dan it-trasferiment ma għandux l-iskop li l-grupp li rriżulta mill-inkorporazzjoni legali jiġi prekluż milli jerġa' jikseb l-ishma tas-suq tiegħu fis-suq ikkonċernat, sakemm din il-kisba mill-ġdid tal-ishma tiegħu mis-suq tkun tirriżulta mill-kompetizzjoni ħielsa, bħal f'dan il-każ. L-interpretazzjoni tar-rikorrenti fir-rigward tat-trasferiment tal-assi impost mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Mejju 2004 twassal għal-distorsjoni tal-kompetizzjoni ħielsa, billi jiġi blokkat b'mod permanenti s-sehem tas-suq miżmum mill-kumpannija sussidjarja tal-grupp li tirriżulta mill-inkorporazzjoni legali fis-suq ikkonċernat.

147 F'dak li jirrigwarda l-ksur tal-impenn Nru 9 relattiv għall-preklużjoni milli tinkiseb u tintuża informazzjoni kunfidenzjali, għandu jiġi osservat li r-rikorrenti ma tressaq l-ebda element ta' fatt jew provi insostenn tal-affermazzjoni tagħha li tgħid li dan l-impenn inkiser.

148 Lanqas ma nkiser l-impenn Nru 10 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Mejju 2004 li jipprekludi lil Group 4 Falck milli, għal perijodu ta' sitt xhur mit-trasferiment, jiġifieri sal-4 ta' Settembru 2005, tissoleċita b'mod attiv lill-klijenti antiki tagħha (li l-Kummissjoni kienet tifforma parti minnhom). Fil-fatt, huwa biss it-tfiegħ formali ta' offerta li jista' jitqies bħala solleċitazzjoni attiva, f'dak li jirrigwarda kuntratt suġġett għal sejħa għal offerti. Issa, l-offerta ta' Group 4 Falck intefgħet fit-12 ta' Ottubru 2005, wara li skada t-terminu. La t-talba ta' Group 4 Falck tal-25 ta' Marzu 2005, intiża sabiex tkun informata bid-data ta' meta kienu ser ikunu disponibbli l-ispeċifikazzjonijiet, u lanqas dik tal-1 ta' Settembru 2005, intiża sabiex jinkisbu l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għal offerti, ma jistgħu jitqiesu bħala solleċitazzjoni attiva f'dan il-kuntest.

149 Barra minn hekk, l-argument tar-rikorrenti bbażat fuq id-diskrepanza bejn il-pubblikazzjoni tas-sejħa għal offerti u d-data mħabbra fl-avviż ta' tagħrif minn qabel għandu jinċaħad. Fil-fatt, id-data mħabbra f'dan l-avviż hija biss stima, nieqsa minn karattru vinkolanti fuq l-awtorità kontraenti.

150 Minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li dan il-motiv għandu jinċaħad.

e) Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, tal-prinċipju ta' trasparenza u tad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet

L-argumenti tal-partijiet

151 Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni kisret l-obbligu ta' motivazzjoni previst mill-Artikolu 253 KE, mill-Artikolu 12(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/50/KEE tat-18 ta' Ġunju 1992 relatata mal-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tas-servizz pubbliku (ĠU L 209, p. 1), mill-Artikolu 100(2) tar-regolament finanzjarju u mill-Artikolu 149(3) tar-regoli ddettaljati għall-implementazzjoni.

152 Hija tqis li l-komunikazzjoni waħedha tal-marki rispettivament attribwiti lil Group 4 Falck u lilha stess abbażi ta' kull kriterju ta' għoti, mingħajr ma jiġi ppreċiżat il-metodu ta' evalwazzjoni użat u lanqas l-applikazzjoni prattika tiegħu, tikkostitwixxi motivazzjoni insuffiċjenti. Ir-rikorrenti tfakkar li hija indikat b'mod ċar lill-Kummissjoni, fl-ittra tagħha tat-8 ta' Diċembru 2005, li hija kienet tqis li l-motivazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni kienet insuffiċjenti.

153 Ir-rikorrenti tqis li r-risposta pprovduta mill-Kummissjoni fl-ittra tagħha tal-14 ta' Diċembru 2005, li tillimita ruħha li tindikalha li Group 4 Falck kienet ippreżentat biżżejjed dokumenti ta' prova, hija inaċċettabbli għal istituzzjoni suġġetta għal obbligu ta' trasparenza.

154 Barra minn hekk, ir-rikorrenti tallega li, billi ma bagħtitilhiex id-dokumenti pprovduti minn Group 4 Falck sabiex tipprova l-informazzjoni meħtieġa mill-ispeċifikazzjonijiet, il-Kummissjoni kisret id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet. Barra minn hekk, din iċ-ċaħda mhija bbażata fuq l-ebda motiv leġittimu. Hija tqis li l-Kummissjoni setgħet tibgħatilha verżjoni anonima tad-dokumenti.

155 Il-Kummissjoni tosserva li hija mmotivat biżżejjed id-deċiżjonijiet ta' għoti u ta' ċaħda tagħha fir-rigward tal-ġurisprudenza relattiva għall-firxa tal-obbligu ta' motivazzjoni tal-atti fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi.

156 Hija żżid li peress li l-motivazzjoni tagħha hija suffiċjenti, hija ma kellhiex għalfejn tikkomunika d-dokumenti ta' prova pprovduti minn Group 4 Falck fil-kuntest tat-tfiegħ tal-offerta tagħha.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

157 Preliminarjament, għandu jiġi rilevat li r-rikorrenti kkonfermat, b'risposta għal mistoqsija bil-miktub tal-Qorti tal-Prim'Istanza, li permezz ta' dan il-motiv, minkejja t-titolu tiegħu, hija tillimita ruħha li tinvoka l-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.

158 Hija ġurisprudenza stabbilita li l-motivazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 253 KE għandha tiġi adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-istituzzjoni, awtriċi tal-att, b'tali mod li tippermetti li l-persuni kkonċernati jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura meħuda u li l-qorti kompetenti teżerċita l-istħarriġ tagħha (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' April 1998, Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France, C-367/95 P, Ġabra p. I-1719, punt 63; sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-14 ta' Lulju 1995, Koyo Seiko vs Il-Kunsill, T-166/94, Ġabra p. II-2129, punt 103, u tat-8 ta' Mejju 1996, Adia Interim vs Il-Kummissjoni, T-19/95, Ġabra p. II-321, punt 32).

159 Kuntrarjament għal dak li tosserva r-rikorrenti, f'dan il-każ, l-obbligu tal-Kummissjoni li tagħti motivazzjoni għaċ-ċaħda tal-offerta tagħha mhuwiex stabbilit mid-Direttiva 92/50. Hekk kif ġie mfakkar fil-punti 1 sa 3 iktar 'il fuq, ir-regolament finanzjarju u r-regoli ddettaljati għall-implementazzjoni huma d-dispożizzjonijiet rilevanti applikabbli f'dan il-każ, u b'mod iktar partikolari l-Artikolu 100(2) tar-regolament finanzjarju u l-Artikolu 149 tar-regoli ddettaljati għall-implementazzjoni, li jirregolaw

l-obbligu ta' motivazzjoni tal-istituzzjoni kompetenti fil-kuntest ta' proċedura ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi.

160 Issa, minn dawn id-dispożizzjonijiet, kif ukoll minn ġurisprudenza stabbilita, jirriżulta li l-awtorità kontraenti tissodisfa l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha jekk tillimita ruħha, qabel kollox, li tinforma immedjatament lill-offerenti eliminati bil-motivi taċ-ċaħda tal-offerta tagħhom u jekk tipprovdi, sussegwentement, lill-offerenti li ppreżentaw offerta ammissibbli u li jressqu talba espressa għal dan l-iskop, il-karatteristiċi u l-vantaġġi relatati mal-offerta magħżula kif ukoll l-isem tal-offerent magħżul, f'terminu ta' ħmistax-il ġurnata mid-data tat-talba bil-miktub (sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-10 ta' Settembru 2008, Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni, T-465/04, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 47, u l-ġurisprudenza ċċitata).

161 Dan il-metodu ta' proċedura huwa konformi mal-għan tal-obbligu ta' motivazzjoni stabbilit fl-Artikolu 253 KE.

162 Konsegwentement, sabiex jiġi stabbilit jekk, f'dan il-każ, il-Kummissjoni osservatx l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha, għandhom jiġu eżaminati d-deċiżjonijiet ta' għoti u ta' ċaħda kif ukoll l-ittri tal-Kummissjoni tal-5, tas-7 u tal-14 ta' Diċembru 2005, mibgħuta lir-rikorrenti b'risposta għat-talbiet espressi tagħha tal-1, tal-5 u tat-8 ta' Diċembru 2005 intiżi sabiex tinkiseb informazzjoni supplimentari dwar id-deċiżjonijiet ta' għoti u ta' ċaħda.

163 Fid-deċiżjoni ta' ċaħda, il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 100(2) tar-regolament finanzjarju, esponiet il-motivi għalfejn l-offerta tar-rikorrenti kienet inċaħdet, jiġifieri li l-offerta msemmija ma kinitx kisbet l-aħjar marka mogħtija wara l-evalwazzjoni finali. Din kienet tinforma wkoll lir-rikorrenti bil-possibbiltà li titlob informazzjoni addizzjonali dwar il-motivi taċ-ċaħda tal-offerta tagħha u, peress li l-offerta kienet ammissibbli, li tikseb il-karatteristiċi u l-vantaġġi relatati mal-offerta magħżula kif ukoll l-isem tal-offerent magħżul.

164 Fir-rigward tal-ittri tal-5, tas-7 u tal-14 ta' Diċembru 2005, għandu qabel kollox jiġi rilevat li l-Kummissjoni rrispondiet it-talbiet bil-miktub tar-rikorrenti tal-1, tal-5 u tat-8 ta' Diċembru 2005 fit-terminu ta' ħmistax-il ġurnata, minn meta ġew irċevuti t-talbiet imsemmija, kif previst fl-Artikolu 149(3) tar-regoli ddettaljati għall-implementazzjoni.

165 L-ittra tal-5 ta' Diċembru 2005 kienet tipprovdi:

"[…]

L-ispeċifikazzjonijiet kienu jipprovdu li l-kuntratt jingħata lill-offerta ekonomikament l-iktar vantaġġuża, skont il-metodoloġija spjegata fl-ispeċifikazzjonijiet b'mod dettaljat.

L-offerent magħżul tal-kuntratt relattiv għas-sejħa għal offerti […] huwa l-kumpannija:

[Group 4 Falck]

[…]

Il-paragun tal-evalwazzjoni tal-offerta tagħkom fil-konfront ta' dik tal-offerent magħżul huwa mfisser fid-dettall fit-tabella li tinsab hawn taħt:

	Group Falck 4	[Brink's]
Evalwazzjoni kwalitattiva	30/30	30/30
Evalwazzjoni finanzjarja	70/70	68.67/70
Evalwazzjoni finali	100/100	98.67/100
POŻIZZJONI	1	2

[…]"

166 L-ittra tal-14 ta' Diċembru 2005, li kien fiha ħafna informazzjoni b'risposta għall-preċiżazzjonijiet mitluba mir-rikorrenti, kienet b'mod partikolari tindika:

"[…]

Bi tkomplija mal-ittra preċedenti tagħna, jekk jogħġbok, iktar 'il quddiem sib l-informazzjoni addizzjonali għall-evalwazzjoni kwalitattiva tal-offerti:

Evalwazzjoni kwalitattiva	Group 4 Falck	[Brink's]
Kriterju 26: Organizzazzjoni stabbilita sabiex jiġi żgurat it-twettiq tas-suġġett tal-kuntratt	10/10	10/10
Kriterju 27: Organizzazzjoni implementata — terminu ta' implementazzjoni ta' dispożittiv effettiv matul id-diversi manifestazzjonijiet u avvenimenti mhux previsti jew ta' kull modifika li ssir għad-dispożittiv tal-għassa	10/10	10/10
Kriterju 28: Taħriġ bażi tal-ewwel għajnuna u/jew ta' tifi tan-nar volontarju	10/10	10/10
TOTAL	30/30	30/30

F'dak li jirrigwarda l-kriterji 26 u 27, id-deskrizzjonijiet ipprovduti, kemm minn Brink's kif ukoll minn Group 4 Falck, tqiesu bħala kompleti u sodisfaċenti ħafna. Għalhekk dawn jistħoqqu l-massimu tal-marki, b'mod konformi mal-metodoloġija spjegata fl-ispeċifikazzjonijiet.

F'dak li jirrigwarda l-kriterju 28, Group 4 Falck ipprovdiet biżżejjed dokumenti ta' prova li jippermettu li jiġu ġustifikati l-10 marki miksuba għal dan il-kriterju.

Għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità tal-offerta tal-kompetitur tagħkom, m'aħniex awtorizzati li nagħtukom iktar dettalji dwar il-kontenut.

[…]"

167 Għandu jiġi kkonstatat li, billi ppreċiżat, fl-ittri tagħha, l-isem tal-offerent magħżul kif ukoll il-karatteristiċi u l-vantaġġi relatati mal-offerta magħżula fil-konfront ta' dik tar-rikorrenti fir-rigward tal-kriterji ta' għoti stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet, il-Kummissjoni mmotivat biżżejjed fid-dritt iċ-ċaħda tal-offerta tar-rikorrenti.

168 Fl-ewwel lok, it-tabelli pprovduti kienu jippermettu lir-rikorrenti li tipparaguna direttament, għal kull kriterju, il-marki li kienu ngħatawlha ma' dawk miksuba mill-offerent magħżul, peress li l-Kummissjoni ma limitatx ruħha li tikkomunika lir-rikorrenti t-totali tal-marki miksuba miż-żewġ offerenti kkonċernati. B'mod partikolari, l-ewwel tabella kienet tippermetti lir-rikorrenti li tidentifika b'mod immedjat ir-raġunijiet preċiżi għalfejn l-offerta tagħha ma kinitx intgħażlet, jiġifieri l-kisba ta' marka inferjuri għal dik ta' Group 4 Falck f'dak li jirrigwarda l-evalwazzjoni finanzjarja (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-26 ta' Frar 2002, Esedra vs Il-Kummissjoni, T-169/00, Ġabra p. II-609, punti 191 sa 193; tal-25 ta' Frar 2003, Strabag Benelux vs Il-Kunsill, T-183/00, Ġabra p. II-135, punt 57, u tal-25 ta' Frar 2003, Renco vs Il-Kunsill, T-4/01, Ġabra p. II-171, punt 95).

169 Fit-tieni lok, mill-ittra tal-14 ta' Diċembru 2005 jirriżulta wkoll li l-offerta tar-rikorrenti ma kinitx ġiet ikklassifikata, għal ebda waħda mit-tliet kategoriji ta' kwalità stabbiliti mill-ispeċifikazzjonijiet, f'pożizzjoni aħjar minn dik tal-offerta magħżula. Barra minn hekk, il-kummenti ġenerali li jinsabu f'din l-ittra flimkien mal-marki kienu jagħtu dettalji fuq ir-raġunijiet li wasslu lill-Kummissjoni sabiex tagħti l-massimu tal-marki liż-żewġ offerti inkwistjoni.

170 Finalment, ir-rikorrenti ma tistax validament issostni li l-Kummissjoni ma informatiex dwar il-metodu ta' evalwazzjoni użat għal kull kriterju kif ukoll dwar l-applikazzjoni prattika tiegħu.

171 Fil-fatt, bħala destinatarja tal-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għal offerti, Brink's kienet informata b'mod preċiż bil-metodu ta' evalwazzjoni użat mill-Kummissjoni sabiex

qabel ma din assenjat il-kuntratt inkwistjoni lill-intervenjenti. Sussegwentement, permezz tal-ittra tal-Kummissjoni tal-14 ta' Diċembru 2005, ingħatawlha d-dettalji mitluba fir-rigward kif dan il-metodu ġie applikat.

172 Fir-rigward tal-kriterji msemmija fil-punti 26 u 27 tal-ispeċifikazzjonijiet, dawn l-ispeċifikazzjonijiet kienu jiddeskrivu l-metodu ta' evalwazzjoni użat, billi jfakkru b'mod partikolari li deskrizzjoni sodisfaċenti ħafna tal-organizzazzjoni implementata sabiex, minn naħa, tiġi żgurata b'mod ottimali l-provista tas-servizz fid-diversi postijiet u, min-naħa l-oħra, sabiex jitnaqqas id-dewmien fl-implementazzjoni ta' dispożittiv effettiv matul diversi manifestazzjonijiet jew avvenimenti mhux previsti jew ta' kull modifika li ssir lid-dispożittiv ta' għassa, twassal għall-kisba tal-marka massima, jiġifieri 10 marki, għal kull wieħed minn dawn iż-żewġ kriterji. Fl-ittra tagħha tal-14 ta' Diċembru 2005, il-Kummissjoni spjegat l-applikazzjoni li kienet wettqet ta' dan il-metodu billi indikat lir-rikorrenti li d-deskrizzjonijiet ipprovduti minn Brink's u minn Group 4 Falck abbażi ta' dawn iż-żewġ kriterji tqiesu bħala sodisfaċenti ħafna, u li ġie attribwit lilhom il-massimu tal-marki, b'mod konformi mal-metodoloġija dettaljatament spjegata fl-ispeċifikazzjonijiet.

173 Fir-rigward tal-kriterju msemmi fil-punt 28 tal-ispeċifikazzjonijiet, dan tal-aħħar jippreċiża l-metodu ta' evalwazzjoni użat, billi jindika li l-offerta li jkollha l-ikbar perċentwali ta' aġenti li jkunu segwew taħriġ bażi tal-ewwel għajnuna jew ta' tifi tan-nar volontarju tingħata l-massimu tal-marki, filwaqt li l-offerti l-oħra jingħataw marka inferjuri b'mod proporzjonali mad-differenza bejnhom u l-iktar perċentwali għolja. Għaldaqstant, l-għoti tal-marka massima lill-offerta tar-rikorrenti u lil dik tal-offerent magħżul, mgħarraf li r-rikorrenti permezz tal-ittra tal-14 ta' Diċembru 2005, kien ifisser li dawn iż-żewġ impriżi kienu indikaw perċentwali identika. Konsegwentement, l-applikazzjoni tal-metodu stabbilit mill-ispeċifikazzjonijiet ma kienx jirrikjedi, skont l-obbligu ta' motivazzjoni, xi spjegazzjoni partikolari min-naħa tal-Kummissjoni, apparti d-dettalji mogħtija lir-rikorrenti b'risposta għat-talba tagħha għal kjarifiki dwar id-dokumenti ta' prova prodotti mill-intervenjenti.

174 Fir-rigward tal-evalwazzjoni finanzjarja tal-offerti, il-punt 29 tal-ispeċifikazzjonijiet kien jippreċiża li l-offerta li jkollha l-iktar prezz baxx kienet ser tingħata l-massimu tal-marki, filwaqt li l-offerti l-oħra kienu ser jingħataw marka proporzjonali b'mod invers. B'hekk, il-marki mogħtija lill-offerta tar-rikorrenti u lil dik tal-offerent magħżul kienu

bbażati fuq raġunament matematiku li l-applikazzjoni tiegħu ma kienet titlob l-ebda spjegazzjoni addizzjonali min-naħa tal-Kummissjoni.

175 Fid-dawl ta' din l-informazzjoni, għandu jiġi konkluż li l-Kummissjoni ssodisfat l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha, kif interpretat mill-ġurisprudenza.

176 Għandu jiġi rilevat ukoll li l-Kummissjoni ma kinitx marbuta li tikkomunika lir-rikorrenti, abbażi tal-motivazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' għoti u ta' ċaħda, id-dokumenti pprovduti minn Group 4 Falck. Fil-fatt, l-Artikolu 100(2) tar-regolament finanzjarju jipprovdi biss li l-awtorità kontraenti għandha tikkomunika, fuq talba bil-miktub, il-karatteristiċi u l-vantaġġi relatati mal-offerta magħżula kif ukoll l-isem tal-offerent magħżul.

177 Għaldaqstant, dan il-motiv għandu jinċaħad, peress li l-Kummissjoni ma kisritx l-obbligu ta' motivazzjoni.

f) Fuq is-sitt motiv, ibbażat fuq il-ksur tar-regoli tas-suq, fuq l-inosservanza tal-ispeċifikazzjonijiet f'dak li jirrigwarda l-evalwazzjoni tal-kriterju kwalitattiv dwar it-taħriġ bażi tal-ewwel għajnuna u/jew ta' tifi tan-nar volontarju tal-aġenti u fuq żball manifest ta' evalwazzjoni

L-argumenti tal-partijiet

178 Ir-rikorrenti tiddikjara li, la meta tefgħet l-offerta tagħha, u lanqas fil-ġurnata tal-preżentata tar-rikors, Group 4 Falk ma kellhiex l-aġenti ta' sigurtà neċessarji għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt inkwistjoni. Għalhekk, hija ssostni li l-intervenjenti ma

setgħetx tipproduċi d-dokumenti ta' prova meħtieġa mill-punt 28 tal-ispeċifikazzjonijiet, jiġifieri l-kopji taċ-ċertifikati ta' taħriġ tal-aġenti, sabiex tipprova li 100 % tal-aġenti tas-sigurtà kkonċernati kellhom taħriġ fl-ewwel għajnuna u/jew ta' tifi tan-nar volontarju kif kienet ħabbret fl-offerta tagħha. Issa, skont ir-rikorrenti, l-indikazzjoni ta' perċentwali mhux ipprovat iwassal għall-irregolarità tal-offerta u tad-deċiżjoni li assenjatlu l-kuntratt. Għalhekk, l-offerta ta' Group Falck kellha tinċaħad.

179 Ir-rikorrenti tqis li l-perċentwali indikata mill-intervenjenti fl-offerta tagħha kellha, minn tal-inqas, titnaqqas għall-livell tar-relazzjoni bejn in-numru ta' ċertifikati pprovduti minn Group 4 Falck u dawk ipprovduti mir-rikorrenti, jiġifieri għal madwar 45 %, minflok 100 %.

180 Ir-rikorrenti tinsisti fuq il-fatt li l-kriterju msemmi fil-punt 28 tal-ispeċifikazzjonijiet huwa kriterju għall-għoti tal-kuntratt, u mhux impenn kuntrattwali, u li l-perċentwali mħabbra kellha tkun verifikata u verifikabbli fil-ġurnata tat-tfiegħ l-offerta.

181 Fir-replika u fl-osservazzjonijiet tagħha dwar in-nota ta' intervent, ir-rikorrenti tikkontesta wkoll il-valur probatorju tal-ittra tal-SNCH tal-11 ta' Ottubru 2005. Hija ssostni li dan id-dokument ma jistax jistabbilixxi li 100 % tal-aġenti ta' sigurtà ta' Group 4 Falck segwew it-taħriġ meħtieġ, għaliex dan jikkostitwixxi biss ċertifikazzjoni ta' sistema ta' amministrazzjoni tal-kwalità konformi mal-istandard ISO 9001:2000 (iktar 'il quddiem "ISO 9001") ibbażat fuq sondaġġi u b'hekk suġġett għar-riskju tal-kampjuni.

182 Ir-rikorrenti tikkontesta wkoll il-valur probatorju ta' dan id-dokument minħabba li dan ma għandux destinatarju u minħabba li ma jsemmix l-iskop eżatt għalfejn ġie stabbilit. Hija tqis ukoll li l-firmatarju tiegħu ma kienx awtorizzat li jaġixxi f'isem l-SNCH, peress li la huwa inkarigat bit-tmexxija u lanqas bl-amministrazzjoni tagħha. Hija ssostni li ġew eżerċitati pressjonijiet minn Group 4 Falck fuq l-awdituri ta' SNCH sabiex tikseb il-formulazzjoni tal-ittra tal-11 ta' Ottubru 2005.

183 Mal-osservazzjonijiet tagħha dwar in-nota ta' intervent, ir-rikorrenti annettiet diversi dokumenti, fosthom posta elettronika tat-18 ta' Diċembru 2006 tal-awditur ta' SNCH li ffirma l-ittra tal-11 ta' Ottubru 2005. Mal-osservazzjonijiet tagħha, ir-rikorrenti annettiet ukoll ħames dikjarazzjonijiet mill-impjegati tagħha, intiżi sabiex jikkonfermaw li r-rappreżentanti ta' SNCH sostnew, waqt laqgħa li seħħet fil-bini ta' Brink's fis-6 ta' Diċembru 2006, li fformulaw l-ittra tal-11 ta' Ottubru 2005 minħabba l-insistenza ta' Group 4 Falck. Ir-rikorrenti pproponiet ukoll lill-Qorti tal-Prim'Istanza li tipproċedi bis-smigħ ta' diversi impjegati tagħha li pparteċipaw għal din il-laqgħa, kif ukoll ta' żewġ impjegati ta' SNCH.

184 Il-Kummissjoni tqis li l-marki ma jingħatawx skont in-numru ta' ċertifikati pprovduti, iżda biss fid-dawl tal-perċentwali indikata, b'mod partikolari peress li l-awtorità kontraenti ma tistax *a priori* tiddetermina n-numru ta' aġenti neċessarji għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt.

185 Skont il-Kummissjoni, it-78 ċertifikat ipprovduti minn Group 4 Falck jipprovaw li 100 % tal-impjegati li dan l-offerent kellu l-intenzjoni li jassenja għall-kuntratt diġà kellhom it-taħriġ meħtieġ fil-mument tal-evalwazzjoni tal-offerta. Min-naħa tagħha, iċ-ċertifikazzjoni tal-SNCH tipprova li 100 % tal-aġenti ta' Group 4 Falck x'aktarx kienu segwew taħriġ fl-ewwel għajnuna u/jew ta' tifi tan-nar volontarju fil-mument tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt, għaliex din tiċċertifika kull aġent ġdid impjegat jiġi mħarreġ.

186 Il-Kummissjoni tosserva li l-interpretazzjoni ta' Brink's tal-kriterju relattiv għat-taħriġ tal-aġenti twassal sabiex ikun meħtieġ li l-offerenti li jkollhom diġà fost l-impjegati tagħhom it-totalità tal-aġenti meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Minn dan ikun jirriżulta trattament mhux ugwali tal-offerenti, li mingħajr dubju jwassal għall-għoti tal-kuntratt inkwistjoni lill-offerent magħżul preċedenti.

187 L-intervenjenti tosserva li, meta pprovdiet 78 ċertifikat ta' taħriġ, hija pprovdiet daqstant ċertifikati daqs in-numru ta' aġenti msemmija fil-punt 22 tal-ispeċifikazzjonijiet. Fir-rigward tal-aġenti l-oħra li jistgħu jiġu assenjati għall-kuntratt, u li

mhumiex imsemmija fil-punt 22 tal-ispeċifikazzjonijiet, Group 4 Falck ipprovdiet iċ-ċertifikat ta' SNCH li jipprova b'mod globali t-taħriġ tagħhom fil-qasam tal-ewwel għajnuna u tat-tifi tan-nar.

188 Skont l-intervenjenti, iċ-ċertifikat tal-SNCH li pprovdiet jippermetti li jiġi pprovat li l-persunal operattiv jingħata taħriġ inizjali fl-oqsma tal-ewwel għajnuna u tat-tifi tan-nar, b'mod konformi mal-istandard ISO 9001, li l-osservanza tiegħu hija kkonfermata mill-ewwel ċertifikat, dan ukoll maħruġ mill-SNCH, wara diversi proċeduri ta' awditjar mwettqa għand Group 4 Falck.

189 L-intervenjenti kkontestat l-ammissibbiltà tal-provi l-ġodda ppreżentati mir-rikorrenti fl-osservazzjonijiet tagħha fuq in-nota ta' intervent fir-rigward tal-Artikolu 48 tar-Regoli tal-Proċedura. Sussidjarjament, waqt is-seduta, hija pproduċiet provi ġodda b'risposta għal dawk ippreżentati mir-rikorrenti.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

— Fuq l-ammissibbiltà tal-provi ġodda prodotti mir-rikorrenti u mill-intervenjenti

190 Skont l-Artikolu 48(1) tar-Regoli tal-Proċedura fir-replika jew fil-kontroreplika, il-partijiet jistgħu jipproduċu provi ulterjuri li jsostnu l-argumenti tagħhom, iżda għandhom jagħtu r-raġunijiet għaliex dawn il-provi ġew ippreżentati tard. Madankollu, skont il-ġurisprudenza, il-prova kuntrarja u l-elaborazzjoni tal-provi prodotti wara li tiġi prodotta prova kuntrarja mill-kontroparti fir-risposta tagħha ma jaqgħux taħt ir-regola ta' dekadenza prevista mill-Artikolu 48(1) tar-Regoli tal-Proċedura. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni tikkonċerna l-produzzjoni ta' provi ġodda u għandha tinqara fid-dawl tal-Artikolu 66(2) tal-imsemmija Regoli tal-Proċedura, li jipprovdu espressament li l-prova kuntrarja u l-elaborazzjoni tal-provi mressqa jibqgħu riżervati (sentenzi tal-

Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Diċembru 1998, Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni, C-185/95 P, Ġabra p. I-8417, punti 71 u 72, u tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Settembru 2007, Il-Kummissjoni vs Trends, T-448/04, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 52).

191 F'dan il-każ, il-produzzjoni mir-rikorrenti tal-posta elettronika tal-SNCH tat-18 ta' Diċembru 2006, tal-posta elettronika tad-direttur legali ta' Brink's tal-istess ġurnata, tad-dikjarazzjonijiet tal-impjegati li assistew għal-laqgħa tas-6 ta' Diċembru 2006, kif ukoll tad-dokumenti K1 sa K4, relatati mal-istandard ISO 9001 u għall-SNCH, jikkostitwixxu prova kuntrarja intiża sabiex tirrispondi għad-dokumenti mressqa mill-intervenjenti fin-nota ta' intervent, bil-għan li turi s-saħħa probatorja tad-dokument tal-11 ta' Ottubru 2005 stabbilit mill-SNCH, jiġifieri l-istatuti tal-SNCH u tas-Société nationale de contrôle technique, ir-Regolament Gran Dukali tat-28 ta' Diċembru 2001 li jiddetermina sistema ta' akkreditament tal-organi ta' ċertifikazzjoni u ta' spezzjoni kif ukoll tal-laboratorji ta' ttestjar, u li joħolqu l-Uffiċċju Lussemburgiż ta' akkreditament u ta' sorveljanza, kumitat ta' akkreditament u assoċjazzjoni nazzjonali tal-awdituri tal-kwalità u tekniċi (Mém. A 2002, p. 94), u ċ-ċertifikat ISO 9001 tal-14 ta' Frar 2005 ta' Group 4 Falck. Għaldaqstant, din mhijiex milquta mir-regola ta' dekadenza prevista mill-Artikolu 48(1) tar-Regoli tal-Proċedura, u għandha tiġi ddikjarata ammissibbli.

192 Id-dokumenti mressqa mill-intervenjenti waqt is-seduta kienu jikkonsistu f'korrispondenza bejn l-intervenjenti u l-SNCH dwar il-valur probatorju tal-ittra tal-11 ta' Ottubru 2005 u tal-allegazzjonijiet tar-rikorrenti li jgħidu li dan id-dokument ġie stabbilit wara pressjonijiet min-naħa ta' Group 4 Falck fuq l-awdituri tal-SNCH. Dawn jikkostitwixxu wkoll prova kuntrarja, intiża sabiex twieġeb għall-osservazzjonijiet u għall-provi prodotti mir-rikorrenti fl-osservazzjonijiet tagħha dwar in-nota ta' intervent. Għaldaqstant, dawn għandhom jiġu ddikjarati ammissibbli.

— Fuq il-mertu

193 Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni għandha setgħa diskrezzjonali wiesgħa rigward l-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tittieħed deċiżjoni dwar l-għoti ta' kuntratt wara li tkun saret sejħa għal offerti, u li l-istħarriġ tal-Qorti tal-Prim'Istanza għandu jkun limitat għall-verifika tal-osservanza tar-regoli ta'

proċedura u ta' motivazzjoni, kif ukoll tal-eżattezza materjali tal-fatti, tan-nuqqas ta' żball manifest ta' evalwazzjoni u ta' abbuż ta' poter (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Novembru 1978, Agence européenne d'intérims vs Il-Kummissjoni, 56/77, Ġabra p. 2215, punt 20; sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-24 ta' Frar 2000, ADT Projekt vs Il-Kummissjoni, T-145/98, Ġabra p. II-387, punt 147, u tas-6 ta' Lulju 2005, TQ3 Travel Solutions Belgium vs Il-Kummissjoni, T-148/04, Ġabra p. II-2627, punt 47).

194 Il-partijiet jagħtu interpretazzjonijiet differenti tal-kriterju msemmi fil-punt 28 tal-ispeċifikazzjonijiet. Għaldaqstant, għandu jitfakkar il-kontenut tal-punt 28, qabel ma jiġi ppreċiżat is-sens ta' dan il-kriterju u, fl-aħħar mill-aħħar, qabel ma jiġi eżaminat il-valur probatorju tal-ittra tal-SNCH tal-11 ta' Ottubru 2005.

195 Il-punt 28 tal-ispeċifikazzjonijiet kien jiddisponi kif ġej:

"Taħriġ bażiku fl-ewwel għajnuna u/jew ta' tifi tan-nar volontarju

Il-kundizzjonijiet speċifiċi ta' eżekuzzjoni tas-servizz jistabbilixxu li minimu ta' 10 % tal-aġenti ta' sigurtà għandu jkollhom taħriġ bażiku fl-ewwel għajnuna u/jew ta' tifi tan-nar volontarju.

— Indika hawnhekk il-perċentwali ta' aġenti kkonċernati minn dan it-taħriġ: … %

— Ibgħat dokumenti probatorji li jippermettu lill-awtorità kontraenti li tivverifika l-perċentwali msemmija (kopja taċ-ċertifikati).

L-offerta li tagħti l-perċentwali massima tingħata l-massimu tal-marki. L-offerti l-oħra ser jingħataw marka proporzjonali b'mod invers."

196 Ir-rikorrenti u l-intervenjenti sostnew li 100 % tal-aġenti ta' sigurtà tagħhom kellhom tali taħriġ, u kisbu 10 marki kull wieħed. Ir-rikorrenti ppreżentat 173 ċertifikat ta' taħriġ insostenn ta' din il-perċentwali, filwaqt li l-intervenjenti ppreżentat 78 ktejjeb ta' taħriġ, li jikkorrispondu għall-impjegati li hija kellha diġà l-intenzjoni li tassenja għall-kuntratt inkwistjoni u li l-*curriculum vitae* tagħhom kienu diġà ntbagħtu skont il-punt 22 tal-ispeċifikazzjonijiet, kif ukoll ittra tal-SNCH tal-11 ta' Ottubru 2005 li tiddikjara li, fil-kuntest taċ-ċertifikazzjoni ISO 9001 ta' Group 4 Falck, il-persunal kollu jingħata taħriġ inizjali fil-qasam tal-ewwel għajnuna u tat-tifi tan-nar, li huwa disponibbli pjanijiet ta' taħriġ u ta' aġġornament, u li rapporti magħmula fl-2004 u fl-2005 juru li l-proċeduri implementati huma effettivament applikati.

197 Skont ir-rikorrenti, kienu biss l-offerenti li setgħu juru, hekk kif għamlet hija stess, li għandhom, fil-ġurnata tat-tfiegħ tal-offerta, l-aġenti ta' sigurtà kollha neċessarji għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt, u li t-totalità ta' dawn l-aġenti jibbenifikaw minn taħriġ fl-ewwel għajnuna u/jew ta' tifi tan-nar volontarju, li setgħu jindikaw perċentwali ta' 100 %.

198 Din l-interpretazzjoni ma tistax tintlaqgħa. Fil-fatt, din twassal, kif tenfasizza l-Kummissjoni, għal ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-offerenti, għaliex din tagħti vantaġġ lill-offerent magħżul attwali tal-kuntratt, li jkun l-uniku li jkollu l-aġenti kollha neċessarji. Issa, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-ħtieġa li l-offerent ikun jiddisponi, fil-mument meta jitfa l-offerta tiegħu, min-numru ta' persunal meħtieġ, tagħti privileġġ l-offerent magħżul attwali (sentenza TQ3 Travel Solutions Belgium vs Il-Kummissjoni, punt 193 iktar 'il fuq, punt 90). Barra minn hekk, huwa impossibbli li l-awtorità kontraenti tiddetermina minn qabel in-numru ta' aġenti neċessarji, li jista' jvarja minn offerent għall-ieħor skont il-metodi ta' organizzazzjoni li jkun adotta.

199 B'hekk, il-perċentwali msemmija fil-punt 28 tal-ispeċifikazzjonijiet għandha tinftiehem bħala relattiva għall-aġenti ta' sigurtà li ser ikunu assenjati għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Peress li din il-perċentwali għandha tiġi pprovata fl-istadju tat-tfiegħ tal-offerta, huwa leġittimu li jiġu aċċettati dokumenti li jipprovaw, minn naħa, li l-perċentwali mħabbra tikkorrispondi mal-perċentwali ta' aġenti li għandhom it-taħriġ meħtieġ fost l-aġenti li l-offerent kien diġà marbut li jidentifika skont il-punt 22 tal-ispeċifikazzjonijiet u, min-naħa l-oħra, li tkun ġiet implementata politika ta' taħriġ sabiex jiġi żgurat li kull aġent ġdid impjegat ikollu t-taħriġ meħtieġ.

200 Fir-rigward tal-valur probatorju tal-ittra tal-SNCH tal-11 ta' Ottubru 2005, għandu jiġi osservat li mal-osservazzjonijiet tagħha dwar in-nota ta' intervent, ir-rikorrenti annettiet posta elettronika tat-18 ta' Diċembru 2006 tal-awditur tal-SNCH li ffirma l-ittra tal-11 ta' Ottubru 2005. Fiha, il-firmatarju ta' din l-ittra jippreċiża li l-ittra tal-11 ta' Ottubru 2005 ma għandha titqies la bħala ċertifikat u lanqas bħala dikjarazzjoni, u li din ma tistax tipprova li 100 % tal-persunal ikkonċernat irċieva taħriġ fl-ewwel għajnuna u/jew ta' tifi tan-nar volontarju. Konsegwentement, il-portata tal-ittra tal-11 ta' Ottubru 2005 tillimita ruħha, skont il-firmatarju tagħha, li tfakkar li l-eżistenza ta' politika ta' taħriġ u l-implementazzjoni effettiva tagħha ġew verifikati u ċċertifikati b'mod konformi mal-istandard ISO 9001.

201 Għandu jiġi kkonstatat li waqt l-evalwazzjoni tal-offerta tal-offerent magħżul, l-ittra tal-SNCH tal-11 ta' Ottubru 2005 ma ġietx interpretata mill-Kummissjoni bħala li tfisser li 100 % tal-aġenti ta' Group 4 Falck kienu segwew it-taħriġ meħtieġ sal-ġurnata tat-tfiegħ tal-offerta. Din serviet sempliċement sabiex tipprova li kienet teżisti politika ta' taħriġ u li din kienet effettivament applikata. Flimkien mat-78 ċertifikat ta' taħriġ li jiċċertifikaw li l-aġenti kollha li Group 4 Falck kellha diġà l-intenzjoni li tassenja għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt inkwistjoni kellhom tali taħriġ, dan l-element seta' ġustament jitqies bħala ta' natura li jipprova li 100 % tal-aġenti ta' sigurtà impjegati minn Group 4 Falck kien ser ikollhom it-taħriġ meħtieġ matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt.

202 F'dak li jirrigwarda n-nuqqas ta' destinatarju u tan-nuqqas ta' indikazzjoni tal-iskop tal-ittra tal-11 ta' Ottubru 2005, għandu jiġi osservat li l-ispeċifikazzjonijiet kienu jeħtieġu

li l-perċentwali ddikjarati mill-offerenti tiġi pprovata minn dokumenti probatorji u jirreferu għal kopji ta' ċertifikati, mingħajr madankollu ma jimponu xi formalità. Għalhekk, dawn l-argumenti għandhom jinċaħdu.

203 Fir-rigward tal-kwalità tal-firmatarju, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ma wettqitx żball manifest ta' evalwazzjoni meta qieset li awditur tal-SNCH kellu l-awtorità li joħroġ dan it-tip ta' ċertifikat. Barra minn hekk, il-mandatarju tal-SNCH, f'ittra tas-27 ta' Frar 2007 ippreżentata mill-intervenjenti matul is-seduta, ikkonferma li l-awditur ikkonċernat kellu l-awtorità li jiffirma dan it-tip ta' dokument bis-saħħa ta' delegi ta' firma mogħtija lill-esperti tal-SNCH.

204 Anki l-argument tar-rikorrenti relattiv għall-pressjonijiet eżerċitati minn Group 4 Falck għandu jinċaħad, għaliex il-ħruġ ta' ittra li tiddikjara li ċ-ċertifikazzjoni ISO 9001, favur Group 4 Falck, tinkludi l-eżistenza ta' politika ta' taħriġ, kif jipprevedi dan l-istandard, jifforma parti mis-servizzi normali li organu ta' ċertifikazzjoni joffri lil kull kumpannija ċċertifikata minnu, fuq sempliċi talba, hekk kif ikkonferma l-mandatarju tal-SNCH fl-ittra msemmija tas-27 ta' Frar 2007.

205 F'dan ir-rigward, jidher li l-Qorti tal-Prim'Istanza setgħet validament tiddeċiedi fuq dan l-ilment abbażi tal-argumenti żviluppati kemm matul il-proċedura bil-miktub kif ukoll matul dik orali u fid-dawl tad-dokumenti prodotti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandha tinċaħad it-talba li jinstemgħu x-xhieda mressqa mir-rikorrenti.

206 Minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li dan il-motiv għandu jinċaħad.

g) Fuq is-seba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' trasparenza u tad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet

207 Dan il-motiv jinqasam f'żewġ partijiet, ibbażati, minn naħa, fuq il-ksur tad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet u, min-naħa l-oħra, fuq l-eżistenza ta' kunflitt ta' interessi fir-rigward ta' wieħed mill-membri tal-kumitat ta' evalwazzjoni.

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq il-ksur tad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet

— L-argumenti tal-partijiet

208 Ir-rikorrenti tqis li, billi ċaħdet li tikkomunikalha l-kompożizzjoni eżatta tal-kumitat ta' evalwazzjoni, il-Kummissjoni ġabet fix-xejn id-dritt ta' aċċess taċ-ċittadini għall-atti tal-istituzzjonijiet. Hija żżid li din iċ-ċaħda ma tistax tkun ġustifikat mill-motiv ibbażat fuq il-protezzjoni tal-ħajja privata u tal-integrità tal-persuni.

209 Filwaqt li tinvoka l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1049/2001, il-Kummissjoni tqis li l-informazzjoni mitluba ma tistax tiġi żvelata. Hija ssostni li l-komunikazzjoni tal-kompożizzjoni tal-kumitat ta' evalwazzjoni tikser il-protezzjoni tal-ħajja privata u l-integrità tal-individwi.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

210 Kif ġie indikat fil-punti 72 sa 75 iktar 'il fuq, l-ittra tal-Kummissjoni tal-14 ta' Diċembru 2005 kkonċernata minn dan il-motiv, għalkemm tikkostitwixxi risposta għal domanda inizjali, għandha titqies bħala att li jista' jkun suġġett ta' rikors għal annullament, fid-dawl tad-difett proċedurali li jirriżulta min-nuqqas ta' informazzjoni dwar id-dritt li titressaq talba konfermattiva.

211 Għalhekk, għandu jiġi determinat jekk il-Kummissjoni setgħetx tibbaża r-risposta tagħha fuq l-eċċezzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1)(b), tar-Regolament Nru 1049/2001 dwar il-protezzjoni tal-ħajja privata u l-integrità tal-individwu.

212 Skont ġurisprudenza stabbilita, l-eċċezzjonijiet għall-prinċipju tad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet għandhom jiġu interpretati b'mod strett (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Jannar 2000, L-Olanda u van der Wal vs Il-Kummissjoni, C-174/98 P u C-189/98 P, Ġabra p. I-1, punt 27; sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-7 ta' Frar 2002, Kuijer vs Il-Kunsill, T-211/00, Ġabra p. II-485, punt 55, u Franchet u Byk vs Il-Kummissjoni, punt 70 iktar 'il fuq, punt 84).

213 Skont ġurisprudenza stabbilita, l-eżami meħtieġ għall-ipproċessar ta' talba ta' aċċess għal dokumenti għandu jkun konkret. Fil-fatt is-sempliċi fatt li dokument jikkonċerna interess protett minn eċċezzjoni mhuwiex biżżejjed biex jiġġustifika l-applikazzjoni ta' din tal-aħħar (sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-13 ta' April 2005, Verein für Konsumenteninformation vs Il-Kummissjoni, T-2/03, Ġabra p. II-1121, punt 69; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-26 ta' April 2005, Sison vs Il-Kunsill, T-110/03, T-150/03 u T-405/03, Ġabra p. II-1429, punt 75). Applikazzjoni bħal din, bħala regola ġenerali, tista' tiġi ġġustifikata biss fil-każ fejn l-istituzzjoni tkun evalwat minn qabel jekk l-aċċess għad-dokument jistax jippreġudika konkretament u effettivament l-interess protett. Barra minn hekk, ir-riskju ta' preġudizzju għal interess protett għandu jkun raġjonevolment prevedibbli u mhux purament ipotetiku sabiex ikun jista' jiġi invokat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-1 ta' Lulju 2008, L-Isvezja u Turco vs Il-Kunsill, C-39/05 P u C-52/05 P, Ġabra p. I-4723, punt 43).

214 Għaldaqstant, sabiex jiġi ddeterminat jekk tapplikax l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 4 (1)(b) tar-Regolament Nru 1049/2001, għandu jiġi ddeterminat jekk l-aċċess tar-rikorrenti għall-kompożizzjoni (il-kunjom, il-grad, l-anzjanità fis-servizz u l-assenjazzjoni tal-membri) tal-kumitat ta' evalwazzjoni jistax b'mod konkret u effettiv jippreġudika l-protezzjoni tal-ħajja privata u l-integrità tal-membri tal-imsemmi kumitat.

215 Għandu jiġi kkonstatat li l-membri tal-kumitat ta' evalwazzjoni ġew innominati fil-kwalità ta' rappreżentanti tad-dipartimenti interessati, u mhux personalment. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-iżvelar tal-kompożizzjoni tal-kumitat ta' evalwazzjoni ma jikkonċernax il-ħajja privata tal-persuni inkwistjoni.

216 F'kull każ, l-iżvelar ta' din il-kompożizzjoni ma jistax b'mod konkret u effettiv jippreġudika l-protezzjoni tal-ħajja privata u tal-integrità tal-persuni inkwistjoni. Is-sempliċi appartenenza għall-imsemmi kumitat, f'isem l-entità li l-persuni inkwistjoni jirrappreżentaw, ma tikkostitwixxix tali preġudizzju, u l-protezzjoni tal-ħajja privata u tal-integrità tal-persuni kkonċernati mhijiex ippreġudikata.

217 Għaldaqstant, mhuwiex ipprovat li l-komunikazzjoni tal-kompożizzjoni tal-kumitat ta' evalwazzjoni kienet tkun ta' natura li tippreġudika l-ħajja privata u l-integrità tal-persuni kkonċernati fis-sens tal-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1049/2001.

218 Għaldaqstant, hemm lok li tiġi annullata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Diċembru 2005 li permezz tagħha din ċaħdet li tikkomunika l-kompożizzjoni tal-kumitat ta' evalwazzjoni lir-rikorrenti.

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq l-eżistenza ta' kunflitt ta' interessi fir-rigward ta' wieħed mill-membri tal-kumitat ta' evalwazzjoni

— L-argumenti tal-partijiet

219 Ir-rikorrenti tallega li membru tal-kumitat ta' evalwazzjoni għandu rabta ta' affinità ma' impjegat ta' Group 4 Falck, u li b'hekk jeżisti kunflitt ta' interessi fir-rigward ta' dan il-membru tal-kumitat ta' evalwazzjoni.

220 Il-Kummissjoni tippreċiża li l-kumitat ta' evalwazzjoni ġie kompost b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 146 tar-regoli ddettaljati għall-implementazzjoni, u li l-membri tiegħu ffirmaw dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kunflitt ta' interessi u kkonfermaw, b'risposta għal domanda li saritilhom wara l-allegazzjoni tar-rikorrenti, li ma għandhom l-ebda rabta ta' affinità ma' persuna li teżerċità attività professjonali fi ħdan Group 4 Falck.

221 Hija żżid li r-rikorrenti ma tressaq l-ebda prova li l-eżerċizzju imparzjali tal-funzjonijiet ta' membru tal-kumitat ta' evalwazzjoni ġie kompromess minn interessi ekonomiċi jew minn kull interess ieħor kondiviż mal-benefiċjarju.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

222 Ir-rikorrenti ssostni li "l-attitudni ta' ċaħda tal-Kummissjoni ssaħħaħ id-dubji [tagħha] […] fir-rigward ta' trattament ekwu tal-offerta tagħha u li din l-offerta ġiet eżaminata skont il-kriterji tal-ispeċifikazzjonijiet u skont l-eżiġenzi tagħhom" u li "[d]awn id-dubji ġew reċentement imsaħħa mill-għarfien b'kumbinazzjoni ta' informazzjoni inkwetanti,

peress li jidher li wieħed mill-membri ta' dawn il-kumitati għandu rabta ta' affinità ma' persuna li teżerċità l-attività professjonali tagħha fi ħdan l-offerent magħżul".

223 Ir-rikorrenti, li tirrikorri għal sempliċi allegazzjonijiet ta' fatt magħmula purament fuq nota ta' dubju, ma tressaq l-ebda ħjiel ta' prova li tista' tqiegħed fid-dubju l-imparzjalità tal-membri tal-kumitat ta' evalwazzjoni. Għaldaqstant, dan l-ilment għandu jinċaħad.

224 Fir-rigward tat-talba għal miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura dwar il-komunikazzjoni tal-kompożizzjoni tal-kumitat ta' evalwazzjoni, għandu jiġi rilevat li, anki li kieku l-miżura mitluba kella tiġi ordnata, din il-kompożizzjoni tkun biss tista' tiġi kkomunikata lill-Qorti tal-Prim'Istanza, u mhux lir-rikorrenti, skont id-dispożizzjonijiet tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 67(3) tar-Regoli tal-Proċedura, li jiddisponi li "[m]eta dokument, li l-aċċessibbiltà tiegħu tkun ġiet miċħuda minn istituzzjoni komunitarja, jitressaq quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza fil-kuntest ta' rikors li jirrigwarda l-validità ta' din iċ-ċaħda, dan id-dokument ma jingħatax lill-partijiet l-oħra". Għalhekk, il-miżura mitluba mhijiex ta' natura li tippermetti lir-rikorrenti li tipprova li l-allegazzjoni tagħha dwar l-eżistenza ta' kunflitt ta' interessi fir-rigward ta' wieħed mill-membri tal-kumitat ta' evalwazzjoni hija fondata. Barra minn hekk, din ma tistax tgħin lill-Qorti tal-Prim'Istanza, għaliex din ma tistax tivverifika l-eżistenza tal-allegat kunflitt ta' interessi minn lista tal-membri tal-kumitat ta' evalwazzjoni, fid-dawl tan-nuqqas ta' indikazzjonijiet speċifiċi ta' din l-allegazzjoni.

225 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma pprovatx kif il-miżura mitluba tista' tikkontribwixxi għat-twaqqif tal-kawża, għall-iżvolġiment tal-proċedura u għar-regolazzjoni tal-kontroversja, kif jeħteġ l-Artikolu 64(1) tar-Regoli tal-Proċedura. Għaldaqstant, it-talba għal miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura tar-rikorrenti għandha tinċaħad.

226 Minn dak kollu li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li l-ittra tal-Kummissjoni tal-14 ta' Diċembru 2005 għandha tiġi annullata inkwantu din tiċħad il-komunikazzjoni

tal-kompożizzjoni tal-kumitat ta' evalwazzjoni tas-sejħa għal offerti, u li t-talbiet intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni tal-għoti għandhom jinċaħdu.

227 Rigward it-talba għal annullament tad-deċiżjoni ta' ċaħda, din għandha neċessarjament tinċaħad bħala konsegwenza taċ-ċaħda tat-talba għal annullament tad-deċiżjoni tal-għoti, li magħha hija strettament marbuta (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-18 ta' April 2007, Deloitte Business Advisory vs Il-Kummissjoni, T-195/05, Ġabra p. II-871, punt 113, u tat-12 ta' Novembru 2008, Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni, T-406/06, Ġabra p. II-247, punt 120).

228 Isegwi li r-rikors għal annullament għandu jinċaħad, minbarra f'dak li jirrigwarda t-talba għall-annullament tal-ittra tal-Kummissjoni tal-14 ta' Diċembru 2005 inkwantu din ċaħdet il-komunikazzjoni tal-kompożizzjoni tal-kumitat ta' evalwazzjoni tas-sejħa għal offerti.

D — *Fuq ir-rikors għad-danni*

1. *Fuq l-ammissibbiltà*

a) L-argumenti tal-partijiet

229 Il-Kummissjoni tqis li r-rikors għad-danni tar-rikorrenti huwa inammissibbli, peress li r-rikors għal annullament huwa infondat. Fl-opinjoni tagħha, talba għad-danni bbażata fuq l-illegalità tal-għoti ta' kuntratt pubbliku tippresupponi neċessarjament il-konstatazzjoni tal-illegalità tad-deċiżjoni tal-għoti.

230 Ir-rikorrenti tallega li r-rikors għad-danni huwa ammissibbli indipendentement mill-fondatezza tar-rikors għal annullament. Fil-fatt, hija tqis li lmenti bħal-bdil fid-data jew iċ-ċaħda ta' aċċess għal ċerti dokumenti jippermettu, b'mod awtonomu, li tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-Kummissjoni.

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

231 Skont ġurisprudenza stabbilita, l-azzjoni għad-danni bbażata fuq it-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 KE, hija rimedju awtonomu, li għandu l-funzjoni partikolari tiegħu fil-kuntest tas-sistema tar-rimedji u li huwa suġġett għal kundizzjonijiet ta' eżerċizzju maħsuba fid-dawl tal-għan speċifiku tiegħu (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Diċembru 1971, Zuckerfabrik Schöppenstedt vs Il-Kunsill, 5/71, Ġabra p. 975, punt 3; tas-26 ta' Frar 1986, Krohn vs Il-Kummissjoni, 175/84, Ġabra p. 753, punt 26, u tas-17 ta' Mejju 1990, Sonito *et* vs Il-Kummissjoni, C-87/89, Ġabra p. I-1981, punt 14). Hija differenti minn rikors għal annullament peress li l-għan tagħha mhuwiex it-tneħħija ta' miżura speċifika, iżda l-kumpens għad-danni kkawżati minn istituzzjoni (sentenzi Zuckerfabrik Schöppenstedt vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq, punt 3; Krohn vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 32, u Sonito *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 14). Il-prinċipju tal-awtonomija tar-rikors għad-danni huwa għalhekk ġustifikat mill-fatt li l-għan ta' tali rikors huwa differenti minn dak ta' rikors għall-annullament (sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-24 ta' Ottubru 2000, Fresh Marine vs Il-Kummissjoni, T-178/98, Ġabra p. II-3331, punt 45, u tal-21 ta' Ġunju 2006, Danzer vs Il-Kunsill, T-47/02, Ġabra p. II-1779, punt 27).

232 Ir-rikors huwa disponibbli għal kull persuna fiżika jew ġuridika li tqis li sofriet dannu minħabba fatt tal-Komunità. L-azzjoni tiġi preskritta wara ħames snin minn meta jseħħ id-dannu.

233 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, iċ-ċaħda tat-talba għal annullament tad-deċiżjonijiet ta' għoti u ta' ċaħda, minnu nnifsu, ma jwassalx għall-inammissibbiltà tar-rikors għad-danni (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, id-digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ġunju 1993, Van Parijs *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-257/93, Ġabra

p. I-3335, punt 14; sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-15 ta' Diċembru 1994, Unifruit Hellas vs Il-Kummissjoni, T-489/93, Ġabra p. II-1201, punt 31). Għaldaqstant, ir-rikors għad-danni għandu jiġi ddikjarat ammissibbli.

2. *Fuq il-mertu*

a) L-argumenti tal-partijiet

234 Skont ir-rikorrenti, l-aġir illegali tal-Kummissjoni, li jista' jwassal għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tagħha, jirriżulta mill-annullament neċessarju tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni kkunsidrati mir-rikors għal annullament. Hija tallega li l-Kummissjoni, peress li eċċediet il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħha, wettqet żball gravi u manifest u kisret ċerti regoli tad-dritt Komunitarju kif ukoll ir-regoli li imponiet fuqa nnifisha fil-preparazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tagħha.

235 Ir-rikorrenti tosserva li d-dannu subit jikkonsisti f'dannu kummerċjali sostanzjali marbut mat-telf ta' kuntratt kbir, bla ħsara għal danni oħra, bħal li eventwalment tkun obbligata li twettaq tkeċċija mix-xogħol, iebsa u finanzjarjament għolja, kollettiva tal-impjegati tagħha. Ir-rabta kawżali hija, fl-opinjoni tagħha, manifesta.

236 Fir-rikors, ir-rikorrenti talbet kumpens provviżorju fl-ammont ta' EUR miljun għad-danni li sofriet. Fir-replika, hija żiedet dan l-ammont għal EUR 3 191 702.58. Dan l-ammont jinkludi l-marġni netta tal-parti tal-attività fuq ħames snin, jiġifieri EUR 3 084 702.58, u parti mill-ispejjeż ta' taħriġ imħallsa għall-106 aġenti li baqgħu fi ħdana, intiżi sabiex tiġi żgurata r-rikonverżjoni tagħhom, jiġifieri EUR 107 000 li r-rikorrenti tirriżerva d-dritt li tvarja skont l-ispejjeż reali sostnuti. Hija tippreċiża li ma tinvokax, abbażi tad-danni tagħha, it-telf ta' opportunità li terġa' tirbaħ il-kuntratt, iżda r-realizzazzjoni ta' dannu ċert. Fil-fatt, hija ssostni li, mingħajr l-aġir illegali tal-Kummissjoni, hija kienet terġa' tirbaħ il-kuntratt. B'hekk, ir-rabta kawżali hija stabbilita.

237 Fir-rigward tal-aġir illegali, il-Kummissjoni ssostni li mill-karattru infondat tar-rikors għal annullament, jirriżulta li hija ma kisret l-ebda dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju. Barra minn hekk, anki jekk jitqies li l-Kummissjoni aġixxiet b'mod illegali, ir-rikorrenti ma pprovatx l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement ikkaratterizzat tad-dispożizzjonijiet invokati.

238 Fir-rigward tad-dannu, il-Kummissjoni tfakkar li l-oneru tal-prova jinsab fuq ir-rikorrenti. Hija tenfasizza li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrifjuta li tattribwixxi kumpens għad-dannu marbut mat-telf ta' opportunità. Barra minn hekk, u skont it-termini stess tar-rikors, il-karattru ċert tad-dannu marbut mal-obbligu li l-persunal tar-rikorrenti jitkeċċa huwa nieqes.

239 Il-Kummissjoni tosserva li r-rikorrenti ma tippruvax l-eżistenza ta' rabta kawżali, u tillimita ruħha li ssostni li din ir-rabta kawżali hija "manifesta". Hija ssostni li r-rikors għal annullament u r-rikors għad-danni mhux kuntrattwali huma żewġ rikorsi distinti, u li r-rikorrenti ma tippreċiżax il-bażi li fuqha hija għandha l-intenzjoni li tistabbilixxi r-responsabbiltà tal-Kummissjoni, li donna qegħda titħawwad mat-talba għal annullament tagħha.

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

240 Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 KE, minħabba aġir illegali tal-istituzzjonijiet tagħha, hija suġġetta għal numru ta' kundizzjonijiet, jiġifieri, l-illegalità tal-aġir li huma akkużati bih l-istituzzjonijiet, ir-realtà tad-danni u l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir allegat u d-dannu invokat (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-14 ta' Diċembru 2005, FIAMM u FIAMM Technologies vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, T-69/00, Ġabra p. II-5393, punt 85, u l-ġurisprudenza ċċitata).

241 Peress li dawn it-tliet kundizzjonijiet, sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà, huma kumulattivi, in-nuqqas ta' waħda minnhom huwa biżżejjed sabiex ir-rikors għad-danni jiġi miċħud mingħajr ma jkun meħtieġ li jiġu eżaminati l-kundizzjonijiet l-oħra (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-13 ta' Settembru 2006, CAS Succhi di Frutta vs Il-Kummissjoni, T-226/01, Ġabra p. II-2763, punt 27, u l-ġurisprudenza ċċitata).

242 Fir-rigward tal-aġir illegali, il-ġurisprudenza teżiġi li jiġi stabbilit ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali intiża li tagħti drittijiet lill-individwi (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Lulju 2000, Bergaderm u Goupil vs Il-Kummissjoni, C-352/98 P, Ġabra p. I-5291, punt 42). Il-kriterju deċiżiv sabiex jitqies li ksur tad-dritt Komunitarju huwa suffiċjentement serju huwa dak tan-nuqqas ta' osservanza manifest u gravi, minn Istituzzjoni Komunitarja, tal-limiti imposti fuq is-setgħa diskrezzjonali tagħha. Meta din l-istituzzjoni jkollha biss setgħa diskrezzjonali kunsiderevolment imnaqqsa, saħansitra ineżistenti, is-sempliċi ksur tad-dritt Komunitarju jista' jkun suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Diċembru 2002, Il-Kummissjoni vs Camar u Tico, C-312/00 P, Ġabra p. I-11355, punt 54; sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Lulju 2001, Comafrica u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni, T-198/95, T-171/96, T-230/97, T-174/98 u T-225/99, Ġabra p. II-1975, punt 134).

243 F'dan il-każ, l-argumenti kollha li r-rikorrenti qajmet sabiex tipprova l-illegalità tad-deċiżjonijiet ta' għoti u ta' ċaħda ġew eżaminati u miċħuda (ara l-punti 84 sa 228 iktar 'il fuq). Għalhekk, ir-responsabbiltà tal-Komunità ma tistax tiġi stabbilita abbażi tal-allegata illegalità ta' dawn id-deċiżjonijiet.

244 Fir-rigward tal-illegalità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Diċembru 2005 li tiċħad it-talba għall-komunikazzjoni tal-kompożizzjoni tal-kumitat ta' evalwazzjoni, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma stabbilixxietx l-eżistenza ta' rabta kawżali diretta bejn iċ-ċaħda ta' komunikazzjoni kkontestat u d-dannu invokat, li jirriżulta mit-telf tal-kuntratt inkwistjoni.

245 Isegwi li t-talba għad-danni għandha tinċaħad.

Fuq l-ispejjeż

246 Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 87(3) tar-Regoli tal-Proċedura, jekk il-partijiet ikunu telliefa rispettivament fuq kap jew iktar tat-talbiet tagħhom, il-Qorti tal-Prim'Istanza tista' tiddeċiedi li taqsam l-ispejjeż jew tiddeċiedi li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.

247 Fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, peress li l-parti l-kbira tat-talbiet tar-rikorrenti nċaħdu, għandu jiġi deċiż li r-rikorrenti għandha tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, nofs l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni u minn Group 4 Falck, inklużi dawk relatati mal-proċedura għal miżuri provviżorji.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA (Is-Sitt Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Diċembru 2005, li tiċħad it-talba għall-komunikazzjoni tal-kompożizzjoni tal-kumitat ta' evalwazzjoni tas-sejħa għal offerti 16/2005/OIL, hija annullata.

2) Il-kumplament tar-rikors għal annullament huwa miċħud.

3) Ir-rikors għad-danni huwa miċħud.

4) Brink's Security Luxembourg SA għandha tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, nofs l-ispejjeż tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u ta' G4S Security Services SA, inklużi dawk relatati mal-proċedura għal miżuri provviżorji.

5) Il-Kummissjoni għandha tbati nofs l-ispejjeż tagħha.

6) G4S Security Services għandha tbati nofs l-ispejjeż tagħha.

Meij Vadapalas Truchot

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fid-9 ta' Settembru 2009.

Firem

Werrej

Il-kuntest ġuridiku . . . . . II - 3239

A — Leġiżlazzjoni applikabbli għall-kuntratti pubbliċi tal-Komunitajiet Ewropej . . . . . II - 3239

B — Leġiżlazzjoni dwar id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet . . . . . II - 3241

C — Leġiżlazzjoni applikabbli għas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi . . . . . II - 3245

Il-fatti li wasslu għall-kawża . . . . . II - 3247

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet . . . . . II - 3249

Fid-dritt . . . . . II - 3253

A — Fuq il-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura . . . . . II - 3253

B — Fuq l-ammissibbiltà tal-ilment ibbażat fuq il-posponiment tal-pubblikazzjoni tal-avviż ta' sejħa għal offerti fil-konfront tad-data mħabbra fl-avviż ta' tagħrif minn qabel II - 3255

1. L-argumenti tal-partijiet . . . . . II - 3255

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza . . . . . II - 3256

C — Fuq ir-rikors għal annullament . . . . . II - 3257

1. Fuq l-ammissibbiltà . . . . . II - 3257

a) Fuq l-eżistenza ta' deċiżjoni impliċita ta' ċaħda tal-Kummissjoni . . . . . II - 3257

b) Fuq l-eżistenza ta' atti li joħolqu effetti legali vinkolanti . . . . . II - 3258

2. Fuq il-mertu . . . . . II - 3263

a) Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi tad-19 ta' Diċembru 2003, li tittrasponi d-Direttiva 2001/23 . . . . . II - 3264

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq l-irregolarità tal-offerta ta' Group 4 Falck . . II - 3265

— L-argumenti tal-partijiet . . . . . II - 3265

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza . . . . . II - 3266

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq l-illegalità tal-ispeċifikazzjonijiet tal-Kummissjoni . . . . . II - 3269

— L-argumenti tal-partijiet . . . . . II - 3269

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza . . . . . II - 3269

b) Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali applikat għall-kuntratti pubbliċi . . . . . II - 3270

L-argumenti tal-partijiet . . . . . II - 3270

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza . . . . . II - 3271

c) Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali applikat għall-kuntratti pubbliċi, li jirriżulta mill-fatt li Group 4 Falck kellha informazzjoni privileġġata meta ressqet l-offerta tagħha . . . . . II - 3274

L-argumenti tal-partijiet . . . . . II - 3274

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza . . . . . II - 3276

d) Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Mejju 2004 . . . . . II - 3278

L-argumenti tal-partijiet . . . . . II - 3278

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza . . . . . II - 3279

e) Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, tal-prinċipju ta' trasparenza u tad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet . . . . . II - 3281

L-argumenti tal-partijiet . . . . . II - 3281

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza . . . . . II - 3282

f) Fuq is-sitt motiv, ibbażat fuq il-ksur tar-regoli tas-suq, fuq l-inosservanza tal-ispeċifikazzjonijiet f'dak li jirrigwarda l-evalwazzjoni tal-kriterju kwalitattiv dwar it-taħriġ bażi tal-ewwel għajnuna u/jew ta' tifi tan-nar volontarju tal-aġenti u fuq żball manifest ta' evalwazzjoni . . . . . II - 3289

L-argumenti tal-partijiet . . . . . II - 3289

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza . . . . . II - 3292

— Fuq l-ammissibbiltà tal-provi ġodda prodotti mir-rikorrenti u mill-intervenjenti . . . . . II - 3292

— Fuq il-mertu . . . . . II - 3293

g) Fuq is-seba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' trasparenza u tad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet . . . . . II - 3298

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq il-ksur tad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet . . . . . II - 3298

— L-argumenti tal-partijiet . . . . . II - 3298

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza . . . . . II - 3299

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq l-eżistenza ta' kunflitt ta' interessi fir-rigward ta' wieħed mill-membri tal-kumitat ta' evalwazzjoni . . . . . II - 3301

— L-argumenti tal-partijiet . . . . . II - 3301

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza . . . . . II - 3301

D — Fuq ir-rikors għad-danni . . . . . II - 3303

1. Fuq l-ammissibbiltà . . . . . II - 3303

a) L-argumenti tal-partijiet . . . . . II - 3303

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza . . . . . II - 3304

2. Fuq il-mertu . . . . . II - 3305

a) L-argumenti tal-partijiet . . . . . II - 3305

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza . . . . . II - 3306

Fuq l-ispejjeż . . . . . II - 3308